MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 805/2014LM

**Peter Axisa (K.I. 804848M) f'ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord Eżekuttiv ta' Ta' Qali Producers Group (Frott u Ħxejjex) kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord Eżekuttiv ta' Ta' Qali Producers Coop. Ltd., għal kull interess li jista' jkollhom**

***vs.***

**(1) Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima li ssuċċeda għall-mansjonijiet tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali;**
**(2) Avukat Ġenerali.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2014 minn **Peter Axisa** (K.I. 804848M), f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-**Bord Eżekuttiv ta' Ta' Qali Producers Group (Frott u Ħxejjex)**, kif ukoll għan-nom u

in rappreżentanza tal-**Bord Eżekuttiv ta' Ta' Qali Producers Coop. Ltd.**, għal kull interess li jista' jkollhom, (minn issa 'l quddiem "l-atturi") u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

(1) *Illi Ta' Qali Producers Group (TQPG) hija għaqda ta' produtturi (producer organisation) li ġiet imwaqqfa ai termini tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi, Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(2) *Illi TQPG ġiet reġistrata preliminarjament bin-numru wieħed (1) fir-reġistru nazzjonali tal-Producer Groups fit-22 ta' Settembru, 2005, hekk kif jidher fid-dokument anness u mmarkat Dok. TQPG 1 maħruġ mid-Direttur tal-Agrikoltura, Anthony Mifsud;*

(3) *Illi sussegwentement fid-9 ta' Diċembru, 2011, TQPG ingħatat conditional recognition bħala Producer Organisation b'applikabilità mid-9 ta' Diċembru, 2010 għal perijodu ta' sena, hekk kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok. TQPG 2;*

(4) *Illi TQPG bdiet topera fis-sena 2007 u l-operat tagħha kien jikkonsisti fil-marketing u promozzjoni tal-prodotti agrikoli lokali tal-membri tagħha. L-avvjament prinċipali ta' TQPG kien jikkonsisti fix-xiri tal-prodotti tal-membri tagħha bl-aħjar prezz tas-suq, iżżid mark-up sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi, pagi u ħlasijiet anċillari, sabiex tkun tista' tbiegħ l-istess prodotti bi prezzijiet orħos lill-konsumatur;*

(5) *Illi TQPG kienet topera mill-uffiċini tagħha ġewwa Ta' Qali, liema uffiċini kienu ġew mgħoddija mill-Gvern ta' Malta, senjatament il-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet Rurali (MRAE), liema fatt huwa xhieda tar-rieda tal-Gvern li jippromwovi l-bejgħ ta' prodotti agrikoli Maltin u sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-fondi tal-Unjoni Ewropea;*

(6) *Il-Gvern kien daħal f'management agreement ma' TQPG datat 3 ta' Mejju, 2006, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok. TQPG 3 sabiex jattwa din ir-rieda u jopera point of sale għall-prodotti tal-membri ta' TQPG, liema ftehim kien ġie mġedded għal perijodu ta' tliet (3) snin fis-sena 2011;*

(7) *Illi b'riżultat u konsegwenza diretta tar-reġistrazzjoni u rikonoxximent ta' TQPG mid-Direttur tal-Agrikoltura bħala Producer Organisation, TQPG ikkwalifikat għal finanzjament minn fondi tal-Unjoni Ewropea magħrufa bħala Value of Marketable Production (VMP) u fl-ewwel sena tal-operat tagħha, kienet applikat u sussegwentement ikkwalifikat għall-ammont ta'*

*mitt elf Euro (€100,000) għal kull sena bejn l-2007 u l-2009, u ċioe rċeviet l-ammont globali ta' tliet mitt elf ewro (€300,000);*

(8) *Illi inoltre, l-istess TQPG setgħet tibbenefika wkoll għal fondi fil-massimu tal-ammont ta' mitejn elf Euro (€200,000) bħala de minimis aid, minn liema ammont hija attwalment ingħatat is-somma ta' sitta u disgħin elf Euro (€96,000) ai termini tar-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Numru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru, 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-Għajnuna de minimis;*

(9) *Illi fil-perijodu bejn is-snin 2007 u 2010, kif fuq spjegat, TQPG kienet ukoll attiva fil-bejgħ ta' prodotti agrikoli direttament lill-konsumatur. Dan il-bejgħ kien isir kemm mill-faċilitajiet li kellha ġewwa Ta' Qali, kif ukoll sussegwentement, kienet daħlet għall-kirja ta' ħwienet fil-Mosta u Buġibba. Inoltre, f'dan l-imsemmi perijodu, TQPG ħadet it-tmexxija ta' fresh fruit and vegetable departments tal-LASCO (Żejtun) u Piscopo Cash and Carry (San Pawl il-Baħar), minn liema operazzjonijiet TQPG kellha introjtu (turn over) ta' circa ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) kull xahar. Minn dan l-introjtu kienu jitħallsu l-membri ta' TQPG u suppliers oħra tal-istess TQPG;*

(10) *Illi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea numerati rispettivament 1182/2007 u 2200/1996, kif ukoll l-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi, Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta, hija li l-membri jkunu obbligati jbiegħu tmenin fil-mija (80%) tal-prodotti tagħhom tramite l-Producer Organisation li jkunu membri tiegħu, f'dan il-każ, TQPG;*

(11) *Illi mill-bidu nett kien hemm interess qawwi mill-bdiewa sabiex jissieħbu bħala membri fi ħdan TQPG u fil-fatt, circa disgħin (90) bidwi kienu saru membri ta' TQPG. Fil-fatt, sussegwentement dan in-numru tela' għal circa tliet mitt (300) membru, u għalhekk l-ammont ta' prodotti żdied;*

(12) *Illi għalhekk, sabiex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li kienet topera taħthom TQPG, intlaħaq ftehim mal-MRAE fis-sens li kull bidwi li kien membru kien intalab jagħmel dikjarazzjoni, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. TQPG 4, li ser idaħħal il-prodotti kollha li jkabbar ġewwa l-Pitkalija f'isem TQPG sabiex dawn jinbiegħu f'isem u għan-nom ta' TQPG. Dan l-arranġament kien approvat mill-MRAE hekk kif jidher minn skambju ta' emails bejn TQPG u u uffiċjali tal-MRAE, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. TQGP5;*

(13) *Illi wara madwar sena minn meta beda jitħaddem dan l-arranġament, il-pitkala sabu diffikultà u kkontestaw dan l-arranġament mal-awtoritajiet*

*konċernati. Sussegwentement din il-kontestazzjoni min-naħa tal-pitkala ġiet mgħarrfa wkoll formalment lil TQPG u din tal-aħħar kienet talbet lill-MRAE sabiex tagħti ruling fuq il-validità tal-arranġament milħuq;*

(14) *Illi sussegwentement, MRAE informa lil TQPG li fuq parir tal-Avukat Ġenerali intimat, dan l-arranġament kien jidħol fil-parametri tal-liġi u għalhekk kien wieħed validu. A bażi ta' din il-konferma, il-proċedura adoperata baqgħet l-istess u fil-fatt, tħallset il-VMP mill-Paying Agency għas-sena 2009;*

(15) *Illi fl-2011, sar audit mill-Internal Audit and Investigations Department (IAID) vis-à-vis l-awtorità kompetenti, senjatament il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA), kif ukoll fir-rigward tal-Paying Agency, ossia l-awtorità responsabbli għall-ħlas tal-fondi Ewropej;*

(16) *Illi sussegwenti għall-audit, TQPG kienet ġiet infurmata verbalment li mill-audit kien irriżulta li dan l-arranġament surriferit ma kienx konformi mar-regoli tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea numerat 1182/2007 u konsegwentement, TQPG ma kinitx tikkwalifika iżjed għal VMP fir-rigward ta' prodotti agrikoli li kienu jiddaħħlu mill-pitkalija limitatament għal dawk il-prodotti li kienu jiddaħħlu fil-pitkalija għan-nom ta' TQPG skont id-dikjarazzjoni surriferita;*

(17) *Illi b'riżultat ta' din l-investigazzjoni mill-IAID, l-ammont ta' VMP li TQPG kellha tieħu għas-sena 2010 ġie mnaqqas b'circa sebgħin elf Euro (€70,000). Inoltre, l-ammont rimanenti ta' tletin elf Euro (€30,000) li kienet tikkwalifika għalih TQPG ma tħallasx u ġie mnaqqas mill-ammont ta' tliet mitt elf Euro (€300,000), ossia l-ammont globali ta' VMP, li f'dak l-istadju l-Paying Agency kienet qed titlob li jiġu mħallsa lura bl-interessi;*

(18) *Illi għalhekk TQPG minnufih tilfet is-somma ta' mitt elf Euro (€100,000) minn dak dovut lilha għas-sena 2010, minkejja li kien jirriżulta ampjament li l-awtorità kompetenti kienet approvat u onorat dan l-arranġament għat-tliet (3) snin preċedenti. Kienu l-awtoritajiet kompetenti li approvaw dan il-modus operandi u jekk saru xi żbalji da parti tal-awtoritajiet kompetenti, ċertament ma kellhiex tbati l-konsegwenzi tagħhom TQPG;*

(19) *Illi bdew minnufih id-diskussjonijiet mal-MRRA, fejn din tal-aħħar kienet assigurat lil TQPG li l-flus dovuti lilha kienu ser jitħallsu stante li l-awtorità kompetenti assumiet ir-responsabbilità ta' kwalunkwe ħlasijiet li kienu dovuti sa dak iż-żmien u li kellhom jiġu dovuti;*

(20) *Illi sussegwenti għal din il-konferma, TQPG baqgħet għaddejja bl-operat tagħha bl-intendiment li fi żmien qasir, kellhom jitħallsu lilha l-ammonti*

*dovuti. Bil-kontra ta' dak imwiegħed, iżda, il-fondi ma tħallsux u fis-sena 2012, b'riżultat ta' nuqqas ta' likwidità, TQPG kienet kostretta tittermina l-arranġamenti li kellha mas-supermarkets LASCO u Piscopo Cash & Carry minħabba li l-bdiewa membri ma komplewx jissupplixxu u jbiegħu l-prodotti tagħhom tramite TQPG għaliex ma kinux qegħdin jitħallsu. It-terminazzjoni ta' dawn l-arranġamenti kompla jitfa' aktar problemi finanzjarji fuq TQPG;*

(21) *Illi wara xi xhur ta' negozjati u wegħdiet ma' diversi persuni ta' awtorità, Dr. Christopher Ciantar, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi ħdan l-imsemmi Ministeru, permezz ta' email mibgħut lil TQPG datat 16 ta' Settembru, 2012, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok. TQPG 6, ippropona ftehim konsistenti f'sitt (6) klawsoli, liema ftehim sussegwentement ġie aċċettat minn TQPG, kif jirriżulta mill-email datat 17 ta' Settembru, 2012 mibgħuta minn TQPG lil Dr. Ciantar, li min-naħa tiegħu irrikonoxxa l-email ta' TQPG u ta struzzjonijiet sabiex TQPG tipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet;*

(22) *Illi l-Gvern tal-ġurnata beda jonora dan l-arranġament billi ħallas lill-bdiewa membri ta' TQPG dak li kien dovut lilhom skont il-klawsola numru tlieta (3) tal-ftehim milħuq permezz tal-iskambju ta' bejn is-16 u s-17 ta' Settembru, 2012 u min-naħa tagħha, TQPG bdiet hija wkoll tonora l-ftehim milħuq billi waqqfet it-Ta' Qali Producers Cooperative (TQPC) li assumiet id-djun ta' TQPG;*

(23) *Illi minkejja l-ftehim milħuq bejn il-Gvern u TQPG, il-Gvern ma kompliex jonora dan il-ftehim bir-riżultat li TQPG sabet ruħha f'xifer il-falliment u f'diversi problemi oħra derivanti mill-fatt li l-Gvern ma ħallasx dak kollu li kien dovut lil TQPG ai termini tal-ftehim;*

(24) *Illi dan l-aġir min-naħa tal-Gvern u l-awtoritajiet kompetenti kkawża lil TQPG danni finanzjarji kbar u sa llum, diversi kredituri ta' TQPG għadhom ma tħallsux l-ammonti dovuti lilhom;*

(25) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fis-sena 2011, wara li kienet saret verifika għal ċertifikazzjoni fuq pagamenti li saru lill-Producer Groups/Organisations għas-sena 2010, il-Paying Agency ddeċidiet li tagħmel eżerċizzju biex jiġu kkalkulati mill-ġdid il-pagamenti li kienu ħarġu lil dawn il-benefiċjarji u b'hekk ġew riveduti l-kalkoli għall-għajnuna li kienu jkopru s-snin finanzjarji preċedenti. Minn dan l-eżerċizzju ħareġ li TQPG allegatament kellha tagħti lura ammont sostanzjali ta' flus;*

(26) *Illi fis-16 ta' Jannar 2013, il-Kap tal-Paying Agency, permezz ta' ittra talab ir-rifużjoni tal-ammonti mħallsa lil TQPG inkluż l-interessi sad-data ta' dik l-ittra fl-ammont globali ta' tliet mija, sitta u sittin elf, disa' mija u sitta u sittin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€366,966.31), fuq il-premessa li TQPG ma kinitx osservat il-kundizzjonijiet li a bażi tagħhom kienet irċeviet l-istess ammonti;*

(27) *Illi fl-10 ta' Marzu 2014, il-kap tal-Paying Agency ippreżenta ittra uffiċjali kontra TQPG permezz ta' liema talab ir-rifużjoni tal-ammonti kollha mħallsa lil TQPG li allegatament ma kinitx eliġibbli għalihom;*

(28) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, aktar kmieni fl-2014 il-Gvern u/jew l-awtorità kompetenti qatgħu l-provvista tal-elettriku tal-fond ta' TQPG ġewwa Ta' Qali bil-konsegwenza li TQPG ma baqgħetx aktar f'pożizzjoni li topera mill-maħżen tagħha ġewwa Ta' Qali u sabet ruħha fi stat ta' impossibilità li tissana s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li ġia kienet tinsab fiha;*

(29) *Illi kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża, ir-rikorrenti kemm personalment kif ukoll TQPG u TQPC sofrew, qegħdin isofru u ser ikomplu jsofru danni b'konsegwenza tal-inadempjenza tal-Gvern u l-awtoritajiet kompetenti meta ma komplewx jonoraw il-ftehim milħuq ma' TQPG;*

(30) *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex –*

1. *Tiddikjara li l-ftehim milħuq bejn TQPG u l-intimati jew min minnhom fl-4 ta' April, 2008 rigwardanti l-arranġamenti ta' outsourcing kienu validi u enforzabbli;*

2. *Tiddikjara li l-ftehim milħuq bejn is-16 u s-17 ta' Settembru, 2012 bejn l-intimati jew min minnhom u TQPG kien wieħed validu u enforzabbli;*

3. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, bl-aġir doluż u/jew negliġenti tagħhom ma komplewx jonoraw dan il-ftehim milħuq bi preġudizzju serju għad-drittijiet u l-interessi tar-rikorrenti jew min minnhom;*

4. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti jew min minnhom, li qegħdin isofru u li għad jistgħu jsofru b'riżultat tal-inadempjenza tal-intimati jew min minnhom mal-obbligi assunti permezz tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti;*

5. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti jew min minnhom, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

6. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-ħlas lir-rikorrenti jew min minnhom tal-ammonti kollha dovuti kif ukoll għad-danni sofferti hekk kif likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali ppreżentati fit-12 u l-14 ta' Marzu, 2014, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima** u l-**Avukat Ġenerali** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2014 u maħlufa minn Joseph Caruana (K.I. 327361M), Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, li biha eċċepew:

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti jixtiequ jikkjarifikaw illi kwalunkwe referenza li saret mir-rikorrenti u li qiegħda ssir mill-esponenti fir-rigward ta' Ta' Qali Producers Group (Frott u Ħxejjex) u/jew Ta' Qali Producers' Group qiegħda tittieħed mill-esponenti li hija l-istess bħal referenza għal Ta' Qali Producers' Group (Fruits and Vegetables) u jekk dan mhux il-każ ir-rikorrenti għandhom jiddikjaraw dan, bl-esponenti jirriservaw minn issa d-dritt li jqajmu eċċezjonijiet ulterjuri jekk jiġi dikjarat dan;*

*Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

1. *Illi <u>in linea preliminari</u>, l-azzjoni istitwita fir-rigward ta' Ta' Qali Producers' Group hija nulla, irritwali u improponibbli stante illi ai termini tal-istatut tal-istess Ta' Qali Producers' Group ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-istess grupp hija vestita fi tliet persuni konġuntament b'mod li wieħed ma jistax jaġixxi mingħajr l-ieħor;*

2. *Illi, <u>in linea preliminari</u> wkoll l-esponenti jeċċepixxu illi Ta' Qali Producers' Group m'għadhiex rikonoxxuta bħala għaqda tal-produtturi ai termini tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi, Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ir-rikorrent Peter Axisa irid jipprova x'tip ta' entità hija Ta' Qali Producers' Group u jeħtieġ li jġib prova illi tali entità għadha teżisti;*

3. *Illi, <u>in linea preliminari</u> wkoll l-esponenti jirrilevaw illi mir-riċerki li għamlu huma jirriżulta illi Ta' Qali Producers' Coop Ltd mhijiex kumpannija rreġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji fi ħdan il-Malta Financial Services Authority (MFSA) u għaldaqstant la għandha l-locus standi neċessarju sabiex tkun tista' tippromwovi l-proċeduri odjerni u lanqas jista' r-rikorrent Peter Axisa jidher f'isimha u l-istess Peter Axisa mhuwiex għalhekk Direttur vestit bir-rappreżentanza ġudizzjarja. Għalhekk l-azzjoni odjerna, kif intavolata fil-konfront tagħha, hija improponibbli u għandha tiġi dikjarata tali minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi, <u>in linea preliminari</u> wkoll u bla preġudizzju għall-premess, fir-rigward ta' Ta' Qali Producers' Coop Ltd l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti jridu neċessarjament ikollhom interess ġuridiku fil-kawża sabiex ikunu jistgħu jintavolaw proċeduri, ma jistgħux jistitwixxu proċeduri kapriċċożament bit-tir li forsi jista' jkollhom interess. Għaldaqstant l-azzjoni odjerna, kif intavolata fil-konfront ta' Ta' Qali Producers' Coop Ltd, hija karenti mill-interess ġuridiku neċessarju;*

5. *Illi <u>in linea preliminari</u> wkoll u mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti jirrilevaw illi fi kwalunkwe każ huma qatt ma kellhom xi tip ta' relazzjoni jew addirittura xi forma ta' komunikazzjoni ma' Ta' Qali Producers' Coop Ltd u għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxu illi Ta' Qali Producers' Coop Ltd ma tistax tistitwixxi proċeduri fil-konfront tagħhom u l-esponenti qatt ma jistgħu jirrispondu għal dak allegat minn soċjetà li ma jafux;*

6. *Illi <u>in linea preliminari</u> wkoll l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

7. *Illi <u>in linea preliminari</u> wkoll l-azzjoni attriċi hija bla bażi legali in vista tal-fatt li dak li fuqu qed tiġi bbażata l-azzjoni odjerna, ma jikkostitwixxix ftehim kif qed jagħtu x'jifhmu r-rikorrenti stante li l-bażi tal-azzjoni rikorrenti hija biss korrispondenza bejn il-partijiet;*

8. *Illi <u>preliminarjament</u> ukoll in kwantu li r-rikorrenti qed jintavolaw azzjoni għad-danni, l-esponenti jeċċepixxu illi din hija preskritta a bażi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi <u>preliminarjament</u> ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jirrigwarda l-ftehim tal-4 t'April, 2008, l-azzjoni attriċi hija infondata stante li hija bbażata fuq kawża illeċita u ċioè ksur ta' tħaddim ta' liġi Ewropea;*

10. *Illi* _in linea preliminari_ *wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li t-tielet talba attriċi hija vaga u dan għaliex, ma hemm l-ebda riferenza għal liema allegat ftehim qed jirreferu r-rikorrenti u għaldaqstant jeħtieġ li dan jiġi kjarifikat;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u* _fil-mertu_ *ai termini tal-Artikolu 158 (3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi ddikjarat illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;*

12. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi ma kien hemm l-ebda ftehim dwar 'outsourcing' u dwar kif il-Value of Marketable Production kellu jiġi kkalkulat. Kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, outsourcing huwa regolat mil-liġi tal-Unjoni Ewropea u kull operatur irid jimxi ma' dak li tgħid il-liġi mingħajr ebda deroga jew eċċezzjoni;*

13. *Illi 'ftehim' jimporta skrittura sia privata jew pubblika fejn iż-żewġ partijiet jaqblu u juru tali qbil billi jiffirmaw tali att. Illi kif diġà rriżulta mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti dak li qed jistrieħu fuqu hija korrispondenza li ċertament mhuwiex ftehim. Illi għalhekk ma hemmx bażi legali għal din l-azzjoni u allura għandha tiġi dikjarata tali. Illi ċertament li huwa biss 'ftehim' illi joħloq obbligi kuntrattwali fuq il-partijiet u mhux merament korrispondenza bejn il-partijiet;*

14. *Illi l-pagamenti li saru min-naħa tal-esponenti saru bħala riżultat ta' implimentazzjoni ta' liġijiet tal-Unjoni Ewropea u mhux abbażi ta' xi allegat ftehim;*

15. *Illi Ta' Qali Producers Group ma ngħatatx il-fondi li ssemmi fir-rikors promutur għaliex ma kinitx tikkwalifika għalihom u inoltre għaliex irriżulta li naqset li tkun konformi ma' dak li jistipulaw ir-regolamenti f'dan ir-rigward. Illi l-attriċi ma setgħetx tingħata fondi fuq l-ammont kollu li hi kienet qed tiddikjara bħal value marketable production u dan kif ser jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

16. *Illi kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża Ta' Qali Producers Group ma kinitx konformi mal-liġi u ma kinitx qed tilħaq l-għanijiet previsti mil-liġi u għaldaqstant ma setgħetx tibqa' tingħata fondi. L-għoti ta' fondi lil Ta' Qali Producers Group f'tali sitwazzjoni kien ikun ifisser li tali għoti jkun qed isir bi ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea fejn l-Istat ikun qed jesponi ruħu għal miżuri da parti tal-istess Unjoni Ewropea;*

17. *Illi kif ser jirriżulta mill-provi, Ta' Qali Producers Group kienet fi stat prekarju ferm qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni fl-2011 li ma tingħatax mitt elf Euro (€100,000) u għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jattribwixxu n-nuqqasijiet tagħhom daqs li*

*kieku kienu xi nuqqasijiet da parti tal-esponenti u jitolbu danni għal tali nuqqasijiet;*

18. *Illi l-istat finanzjarju tal-attriċi kien imminat mill-amministrazzjoni ħażina tagħha anke fil-forma ta' deċiżjonijiet unilaterjali meħuda minn Peter Axisa u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

19. *Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll illi kien hemm ksur ripetut tal-Management Agreement anness mar-rikors promutur u dan kif ser jiġi pruvat;*

20. *Illi għalkemm l-esponenti ppruvaw mill-bidu nett jassistu lil Peter Axisa u lil Ta' Qali Producers Group sabiex iqumu fuq saqajhom, u dan minħabba fl-interess tal-bdiewa membri, il-Gvern xtaq li għaqdiet bħal Ta' Qali Producers Group jirnexxu, dan kien kollu ta' xejn. Anzi għadd ta' bdiewa li fdaw prodotti tagħhom lill-attriċi sofrew diffikultajiet finanzjarji hekk kif ma bdewx jitħallsu minnha;*

21. *Illi fi kwalunkwe każ stante li Ta' Qali Producers Group ma rnexxielhiex tottjeni l-istatus ta' Producer Organisation, u dan għaliex ir-rikonoxximent preliminari u dak kondizzjonali msemmi fir-rikors promutur ġie rtirat, il-Gvern ma għandu l-ebda obbligu li jħallas ebda fondi tal-Unjoni Ewropea u dan stante li kwalunkwe fondi li kienu jingħataw kienu jingħataw bil-prospett li Ta' Qali Producers Group ser tilħaq il-miri u ssir producer organisation fi żmien ħames snin mid-data ta' rikonoxximent tagħha bħala producer group u dan kif ser jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

22. *Illi dak li r-rikorrenti qed jallegaw li hu ftehim milħuq bejn is-16 u 17 ta' Settembru, 2012, ma kien xejn ħlief korrispondenza rigward road map li kienet intiża biss sabiex Peter Axisa joħroġ mis-sitwazzjoni prekarja li kien poġġa lilu nnifsu u lil Ta' Qali Producers Group fiha, liema road map lanqas ma ġiet osservata minn Peter Axisa;*

23. *Illi bla preġudizzju għall-fatt li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet jiġi rilevat ukoll illi l-ewwel pass tar-road map imsemmija hawn fuq kien illi Peter Axisa kellu jwaqqaf u jirreġistra ko-operattiva, liema ko-operattiva qatt ma ġiet reġistrata;*

24. *Illi nonostante li d-diskussjonijiet dwar ir-road map kienu sfaxxaw fix-xejn u dan għaliex xejn minn dak indikat ma kien ġie segwit min-naħa ta' Peter Axisa u Ta' Qali Producers Group (Fruits and Vegetables), il-Gvern kien iddeċieda li jħallas il-bdiewa li fdaw il-prodott tagħhom f'idejn l-attriċi, dak li kienu dovuti mingħand Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) u dan mhux abbażi ta' xi allegat ftehim iżda sabiex il-bdiewa – li xi wħud minnhom sofrew diffikultajiet finanzjarji minħabba l-attriċi – ma jbatux għan-nuqqasijiet kbar da parti ta' Peter Axisa u*

*tal-attriċi u sabiex l-istess bdiewa jkollhom il-finanzi minimi meħtieġa biex jixtru l-materjali neċessarji għat-tkomplija tal-attività tagħhom;*

25. *Illi fi kwalunkwe każ l-esponenti ma jwieġbu għall-ebda danni u dan għaliex dak li kien qed isir kien biss implimentazzjoni ta' Liġijiet tal-Unjoni Ewropea u dawk domestiċi;*

26. *Illi jsegwi għalhekk illi ħadd mill-esponenti ma hu responsabbli għal dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti u għalhekk ħadd minnhom ma hu responsabbli għal dak vantat fir-rikors in risposta;*

27. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

28. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

*<u>DIKJARAZZJONI ĠURAMENTATA</u>:*

1. *Illi għal dak li jirrigwarda paragrafu wieħed tar-risposta ġuramentata, l-esponenti jirrilevaw illi l-attriċi m'għandhiex l-istatus ta' Producer Organisation ai termini tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk m'għandhiex personalità ġuridika u distinta minn dik tal-membri tagħha;*

2. *Illi għal dak li jirrigwarda lil Ta' Qali Producers Coop Ltd., l-esponenti jirrilevaw illi din il-kumpannija ma teżistix stante li mhijiex kumpannija reġistrata mar-Reġsitratur tal-Kumpaniji fi ħdan il-Malta Financial Services Authority (MFSA);*

3. *Illi in kwantu għall-kontenut tar-rikors promutur l-esponenti jirreferu għall-kontenut tar-risposta ġuramentata tagħhom.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża promossa mill-atturi hija essenzjalment kawża għad-danni naxxenti minn allegat nuqqas ta' adempiment ta' obbligi kontrattwali da parti tal-awtoritajiet governattivi. L-atturi, u speċifikament Ta' Qali Producers Group (TQPG) jgħidu li huma għaqda ta' produtturi mwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi, li ġew reġistrati l-ewwel bħala grupp ta' produtturi għal perijodu ta' ħames snin, u sussegwentement ingħataw rikonoxximent kundizzjonat bħala għaqda jew organizzazzjoni tal-produtturi għal perijodu ta' sena, liema perijodu beda jiddekorri mid-9 ta' Diċembru, 2010. Id-differenza bejn 'grupp ta' produtturi' u 'organizzazzjoni ta' produtturi' hi li 'organizzazzjoni jew għaqda ta' produtturi' trid tissodisfa obbligi aktar onerużi imposti fuqha bil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Din l-għaqda ta' produtturi bdiet taħdem fil-qasam tal-*marketing* u l-promozzjoni ta' prodotti agrikoli lokali tal-membri tagħha, billi kienet tixtri l-prodotti tal-membri tagħha, tagħmel *mark-up* fuqhom, u eventwalment tbigħhom bi prezzijiet li jibbenefikaw lill-konsumaturi, bil-ħsieb li l-profitti li kienu jiġġeneraw il-pitkala mill-intervent tagħhom f'din il-katina ta' xiri u bejgħ, jibqgħu fil-bwiet tal-konsumatur u jibbenefikaw minnhom ukoll il-bdiewa. It-TQPG kien jopera minn stabbiliment ġewwa Ta' Qali li kien ġie mqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu mill-awtoritajiet governattivi, u jidher li meta beda jiffunzjona kien hemm qbil li dan il-proġett

kellu jsib is-sostenn tal-awtoritajiet governattivi sabiex is-settur tal-biedja lokali jgawdi mill-fondi tal-Unjoni Ewropea allokati għal dan is-settur. Għal dan il-għan intlaħaq ukoll *management agreement* bejn il-Gvern u t-TQPG fit-3 ta' Mejju, 2006, liema ftehim kellu jiġġedded għal perijodu ieħor ta' tliet snin. Konsegwenza diretta ta' din ir-reġistrazzjoni u rikonoxximent bħala grupp ta' produtturi, it-TQPG ibbenefika minn skemi ta' finanzjament tal-UE, liema finanzjament kien marbut direttament mal-*value of marketable production* (VMP), u minn għajnuna *de minimis* allokata mill-Gvern Malti, liema għajnuna setgħet tingħata esklussivament sakemm kienet tikkonforma mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw l-i*state aid.* Fuq it-TQPG kienu tpoġġew ċerti obbligi fosthom dik li l-membri ta' din l-għaqda ta' produtturi kellhom ibigħu 80% tal-prodott tagħhom tramite l-għaqda, u kien hemm ukoll restrizzjonijiet dwar jekk setax ikun hemm *outsourcing* tal-bejgħ tal-prodotti tal-membri tat-TQPG. Il-mod kif bdiet taħdem din l-għaqda ta' produtturi attira interess qawwi mill-bdiewa lokali, iżda jidher li l-ewwel diffikultà prattika li ffaċċjat kienet minħabba li meta twaqqfet l-għaqda, din ma kellhiex stabbilimenti u struttura adegwata sabiex tkun tista' tilqa' u eventwalment tbigħ il-prodotti tal-membri tagħha mill-ewwel ġurnata tat-twaqqif tagħha. F'dan ir-rigward intlaħaq ftehim, li jidher li kellu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet governattivi, li l-membri tat-TQPG kellhom jibqgħu jdaħħlu parti mill-prodotti tagħhom għand il-pitkala, bil-ħsieb li l-ħlas għal tali prodotti jsir lit-TQPG direttament. Abbażi tal-volum tal-prodott mibjugħ, inkluż permezz tal-pitkala, it-TQPG kien qed jingħata għajnuna finanzjarja, anki mill-Unjoni Ewropea, bis-saħħa tad-diversi skemi applikabbli. L-atturi jgħidu li dwar dan l-arranġament kienu anki talbu l-parir tal-Avukat Ġenerali, li kien qabel li dan il-ftehim kien jidħol fil-parametri tal-liġi, u għalhekk kien wieħed validu.

Madanakollu wara *audit* li sar mill-*Internal Audit Investigation Department (IAID)* fuq id-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-MRRA bħala l-Ministeru li d-dipartiment inkwistjoni kien jaqa' taħtu, u fuq l-Aġenzija għall-Pagamenti, kien ġie stabbilit li l-ħlasijiet li kienu qegħdin isiru lit-TQPG ma kinux validi minħabba li l-proċess ta' *outsourcing* kif imħaddem mit-TQPG ma kienx konformi mar-Regolament 1182/2007 tal-Kummissjoni Ewropea, u konsegwentement it-TQPG ma kinitx tikkwalifika iżjed għal finanzjament ibbażat fuq *value of marketable production* (VMP) ta' prodotti li kienu jiddaħħlu fil-pitkalija biex jinbiegħu. Konsegwenza ta' dan il-VMP għas-sena 2010 tnaqqas b'€70,000, u ammont ulterjuri li kellu jitħallas lit-TQPG għall-istess sena ma ġiex imħallas, u l-Aġenzija għall-Pagamenti talbet ukoll ir-rifużjoni tal-flejjes li laħqu tħallsu lit-TQPG sa dakinhar. Hekk kif bdew jinqalgħu dawn id-diffikultajiet, l-atturi fittxew li jidħlu f'diversi negozjati u diskussjonijiet mal-awtoritajiet governattivi sabiex jaraw jekk setgħetx tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni li nħolqot, u jidher li da parti tal-awtoritajiet governattivi kien hemm rieda li dawn l-għaqdiet tal-produtturi jiġu megħjuna, kif ukoll kien hemm qbil li għandha ssir xi ħaġa b'mod tanġibbli sabiex dawn ma jkunux kostretti jxolju l-operat tagħhom. Kien hemm ukoll konferma da parti tal-Gvern, li l-flus dovuti lit-TQPG kienu ser jitħallsu, u in vista ta' dawn l-assigurazzjonijiet, it-TQPG baqa' għaddej bl-operat tiegħu, bil-ħsieb li hekk kif jirċievi l-flejjes li kien ipproġettat li ser jirċievi f'għajnuniet u sussidji, jibda jqum fuq saqajah. Madanakollu l-fondi mwiegħda lit-TQPG mill-awtoritajiet governattivi baqgħu ma tħallsux, u fis-sena 2012, it-TQPG kellu jagħlaq uħud mill-istabbilimenti minn fejn kien isir il-bejgħ tal-ħaxix u l-frott tal-bdiewa membri tiegħu, filwaqt li bdiet tiġi nnegozjata *road map* mal-awtoritajiet governattivi sabiex kemm jista' jkun il-kunċett ta' għaqda tal-produtturi ma

jisfaxxax fix-xejn, iżda tinħoloq entità oħra li tkun tista' tassorbi d-djun tat-TQPG u din l-entità l-ġdida tiġi megħjuna tqum fuq saqajha. L-atturi allegaw li l-awtoritajiet governattivi naqsu milli jonoraw dan il-ftehim, u fl-2011 l-Aġenzija tal-Pagamenti għamlet eżerċizzju fejn ikkalkulat li kellha tirċievi lura l-ħlasijiet li kienu diġà tħallsu minnha. Intqal ukoll li fl-2014 l-Enemalta qatgħet il-provvista tal-elettriku tal-istabbiliment li t-TQPG kien jopera minnu ġewwa Ta' Qali, u in vista ta' dan kollu kien impossibbli li t-TQPG jibqa' jopera. Quddiem dan kollu, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-arranġament milħuq bejn it-TQPG u l-konvenuti fl-4 ta' April, 2008 dwar l-*outsourcing*, kien wieħed validu u enforzabbli; li l-ftehim tas-16 u s-17 ta' Settembru, 2012 bejn it-TQPG u l-konvenuti ukoll kien wieħed validu u enforzabbli; li l-konvenuti ma komplewx jonoraw dan il-ftehim bi preġudizzju serju għad-drittijiet u l-interessi tal-atturi; u li konsegwenza ta' dan il-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-danni.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti eċċepew li l-azzjoni tat-TQPG hi nulla, irritwali u improponibbli stante li r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-grupp hija vestita fi tliet persuni b'mod konġunt. Ġie eċċepit ukoll li t-TQPG m'għadhiex rikonoxxuta bħala għaqda tal-produtturi *ai termini* tal-Kapitolu 447 tal-Liġijiet ta' Malta. Intqal ukoll li Ta' Qali Producers' Co-Operative Limited mhix irreġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u għalhekk m'għandhiex *locus standi* biex tippromwovi din l-azzjoni. In linea preliminari intqal ukoll li l-konvenuti qatt ma kkomunikaw ma' Ta' Qali Producers' Co-Operative Limited u għalhekk din ma tistax tistitwixxi proċeduri legali fil-konfront tagħhom, jew ikun mistenni li l-konvenuti jwieġbu għal dak allegat minn din is-soċjetà li huma ma jafux. Eċċezzjoni oħra li tqajmet hi li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

Malta. Barra minn hekk ġie eċċepit li bejn il-partijiet ma kien hemm ebda ftehim, iżda biss skambju ta' korrispondenza. Intqal ukoll li sa fejn din hi azzjoni għad-danni, it-talba hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuti wieġbu wkoll li sa fejn din l-azzjoni hi bbażata fuq il-ftehim tal-4 ta' April, 2008, l-azzjoni hi infondata stante li hija bbażata fuq kawża illeċita, u bi ksur tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Inoltre l-konvenuti eċċepew ukoll li bejn il-partijiet baqa' ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar il-kunċett tal-*outsourcing* jew dwar kif kellu jiġi kkalkulat il-*value of marketable production.* Intqal ukoll li l-ħlasijiet li saru mill-konvenuti kienu abbażi tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea, u li t-TQPG ma ngħatatx il-fondi minħabba li din ma kinitx tikkwalifika għalihom minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Il-konvenuti saħqu li kieku huma baqgħu jħallsu l-fondi bi ksur tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, Malta bħala Stat Membru kienet ser tesponi ruħha għal miżuri kontriha min-naħa tal-Unjoni Ewropea. Inoltre l-konvenuti eċċepew li l-istat finanzjarju li sab ruħu fih t-TQPG kien riżultat ta' deċiżjonijiet ħżiena li ttieħdu fl-operat tiegħu, u minkejja li kien ġie offrut diversi għajnuniet u opportunitajiet biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, dan baqa' ma kkonformax, u kienu dawn id-diversi nuqqasijiet fl-operat tiegħu li wasslu sabiex ir-rikonoxximent preliminari mogħti lilu jiġi rtirat. Il-konvenuti eċċepew ukoll li sa fejn huma kienu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea, huma m'għandhom iwieġbu għall-ebda danni reklamati mill-atturi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Skont il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2014 saret l-inverżjoni tal-provi u l-kawża tħalliet għall-provi dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Flimkien mar-Rikors Maħluf, l-atturi ppreżentaw kopja tad-*decree of preliminary recognition* maħruġ mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent[1], li bis-saħħa tiegħu t-Ta' Qali Producers' Group (Fruit and Vegetables) ingħata rikonoxximent bħala *producers' group ai termini* tal-artikolu 14 tar-Regolament 2200/1996, bl-indirizz uffiċjali tal-grupp ikun 'Pitkali Crates Limited', Ta' Qali, Malta. Ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' ittra bid-data tad-9 ta' Diċembru, 2010[2], li permezz tagħha l-atturi kienu ġew infurmati li t-Ta' Qali Producers' Group ġie rikonoxxut bħala '*producers' organisation'* tal-frott u l-ħaxix, *ai termini* tal-Avviż Legali 46 tal-2004. Dan id-digriet kien jispeċifika illi:

> *"This is a one time conditional recognition granted with effect December 2010 and valid for one year, (expires in December 2011) until which time TQPG as a PO would be expected to become totally in line with all its obligations and requirements."*

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tal-*management agreement* iffirmat fit-3 ta' Mejju, 2006[3], bejn is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent min-naħa l-waħda, u min-naħa l-oħra Peter Axisa, Joseph Farrugia u Saviour Gauci bħala rappreżentanti legali tat-Ta' Qali Producers' Group (Fruit and Vegetables), li bis-saħħa tiegħu t-TQPG ngħata post ġewwa l-

[1] *A fol.* 10 tal-proċess.
[2] *A fol.* 12 tal-proċess. L-atturi jgħidu li rċevew din l-ittra fis-6 ta' Diċembru, 2011.
[3] *A fol.* 15 tal-proċess.

Pitkalija, Ta' Qali, sabiex ikun jista' jagħmel faċilitajiet ta' *grading, packing* u *cold storing,* liema faċilitajiet kellhom jintużaw ukoll bħala *point of sale* għall-bejjiegħa membri tat-TQPG. Dan il-ftehim kien validu għal perijodu ta' ħames snin *di fermo* u għal perijodi oħra ta' tliet snin kull darba *di rispetto*. Dan il-ftehim kien jistipula wkoll li f'każ ta' ksur ta' dan il-ftehim, il-Ministeru kellu l-jedd li jittermina dan il-ftehim u jitlob lit-TQPG jiżgombra minn dawn il-faċilitajiet konċessi lilu. L-atturi ppreżentaw wkoll kopja tad-dikjarazzjoni ffirmata minn kull wieħed mill-membri tat-TQPG fejn dawn il-membri ppromettew li l-prodotti kollha li jdaħħlu l-Pitkalija jiddaħħlu f'isem it-TQPG.[4] Ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet dwar diversi materji li jolqtu l-mod kif beda jopera t-TQPG u l-kooperattiva li kellha titwaqqaf mill-atturi.[5]

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ippreżentaw kopja tal-istatut tat-Ta' Qali Producers Group[6], flimkien mar-regoli tal-isħubija fil-Grupp[7], kif ukoll kopja ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2012 li permezz tagħha Peter Axisa ġie infurmat li r-rikonoxximent ta' Ta' Qali Producers' Group bħala organizzazzjoni tal-produtturi kien qiegħed jiġi rtirat[8], wara li nstab li t-TQPG kien qiegħed jikser regolamenti tal-Kummissjoni Ewropea.[9]

---

[4] Kopja tad-dikjarazzjoni tinsab *a fol.* 21 tal-proċess.
[5] *A fol.* 22 tal-proċess.
[6] *A fol.* 44 tal-proċess.
[7] *A fol.* 55 tal-proċess.
[8] *A fol.* 57 tal-proċess.
[9] *"From the findings of the Competent Authority, documentation submitted by TQPG and following varius communications and discussions with yourself, it has emerged that TQPG:*
- *Is in breach of Article 23(c) of the above-mentioned Regulation (Commission Regulation 543/2011) on account of its not having ensured good commercial and budgetary management as required by law; and*
- *Is in breach of Article 26(1) of the above-mentioned Regulation on account of its main activity during calendar year 2011 having consisted in the placing on the market of products other than the products of its members for which it is recognised."*

Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2014 xehdet **Dr Amanda Poole**, in rappreżentanza tal-MFSA[10], li qalet li mir-riċerki li għamlet irriżulta li ma kien hemm ebda kumpannija bl-isem ta' Ta' Qali Producers' Group irreġistrata mal-MFSA, u lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi kumpannija jew koperattiva bl-isem Ta' Qali Producers Co-Op Limited irreġistrata mal-istess awtorità.[11]

Fl-istess udjenza xehed **Peter Axisa**[12], li qal li hu diffiċli għalih li jgħid jekk Ta' Qali Producers' Group (Frott u Ħxejjex) għadux jeżisti llum, minħabba li dan il-grupp ta' produtturi kien ġie rikonoxxut fl-ewwel sena bħala organizzazzjoni ta' produtturi, iżda meta saret applikazzjoni sabiex jerġa' jiġi rikonoxxut għat-tieni sena, din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Qal li l-organizzazzjoni ma tpoġġietx fi proċedura ta' stralċ, minħabba li kien hemm il-ħsieb li titwaqqaf koperattiva, li fil-fatt ġiet irreġistrata. Ix-xhud qal li l-bord eżekuttiv tat-Ta' Qali Producers' Group huwa kompost minnu, minn Joe Farrugia, Saviour Gauci, Ġamri Galea, u Philip Micallef. Żied jgħid li waqt laqgħa tat-TQPG kien ġie deċiż li tiġi reġistrata koperattiva, u kien ġie maħtur hu, flimkien ma' Joe Farrugia u Saviour Gauci biex tiġi reġistrata din il-koperattiva, iżda żied jgħid ukoll li l-bord ta' din il-koperattiva qatt ma kien iltaqa'. Ix-xhud qal li hu ġie awtorizzat mill-bord tat-TQPG, permezz ta' riżoluzzjoni li għaddiet mill-bord, sabiex jagħmel xiri ta' prodotti f'isem it-TQPG.

Il-konvenuti ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Dr Justin Zahra**, Direttur tal-Agrikoltura[13], li spjega li hu jaħdem fi ħdan id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima. Ix-xhud qal li skont il-Kapitolu 447 tal-Liġijiet ta' Malta, għaqdiet jew

---

[10] *A fol.* 66 tal-proċess.
[11] Id-dokumenti rilevanti huma esebiti *a fol.* 76 u 77 tal-proċess.
[12] *A fol.* 68 tal-proċess.
[13] *A fol.* 79 tal-proċess.

organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġi rikonoxxuti bħala tali wara talba li jagħmlu għal dan l-iskop lid-Direttur tal-Agrikoltura. Ix-xhud żied jgħid li f'każ li tali talba tiġi milqugħa, l-għaqda tingħata rikonoxximent preliminari bil-ħsieb li jekk din tottempera ruħha mal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent u mal-liġijiet u r-regolamenti relattivi, wara ħames snin tingħata rikonoxximent sħiħ bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Ix-xhud qal li tali organizzazzjonijiet ikollhom personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħhom u sabiex organizzazzjoni bħal din tiġi rikonoxxuta, trid tosserva l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent, ir-regolamenti stabbiliti bil-Kapitolu 447 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti relattivi tal-Unjoni Ewropea. Kompla jgħid li d-Direttur tal-Agrikoltura hu obbligat li jagħmel kontrolli regolari sabiex jassigura li tali organizzazzjonijiet ikunu qegħdin jaħdmu skont il-programm operattiv approvat, u f'każ li jinstabu xi nuqqasijiet, jiġu applikati sanzjonijiet u/jew jiġi rtirat ir-rikonoxximent. Dwar il-każ partikolari, ix-xhud qal li t-Ta' Qali Producers' Group (Frott u Ħxejjex) kienet ingħatat rikonoxximent preliminari, u sussegwentement fl-2011, it-TQPG ma kienx ingħata rikonoxximent sħiħ iżda wieħed kundizzjonat, b'effett minn Diċembru tal-2010, bil-kundizzjoni li tul dik is-sena t-TQPG kellu jikkonforma mal-obbligazzjonijiet u r-rekwiżiti kollha imposti fuqu mil-liġi. Ix-xhud żied jgħid li t-TQPG bħala organizzazzjoni kellha diversi nuqqasijiet, u għaldaqstant hu kien iddeċieda li jirtira r-rikonoxximent tagħha b'effett mis-16 ta' Mejju, 2012. Ix-xhud qal li din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lil Peter Axisa, flimkien mar-raġunijiet għalfejn ir-rikonoxximent kien qiegħed jiġi irtirat, u l-irtirar ta' dan ir-rikonoxximent ġie ppubblikat ukoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Mejju, 2012. Konsegwentement it-TQPG (Frott u Ħxejjex) ma baqgħetx tgawdi minn rikonoxximent bħala għaqda jew organizzazzjoni tal-produtturi b'effett mis-16

ta' Mejju, 2012.[14] Ix-xhud qal ukoll li minkejja li t-TQPG kellha dritt tappella minn din id-deċiżjoni, din id-deċiżjoni ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata jew appellata.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Dr Hillary Grech**[15], li hi uffiċjal legali fl-Uffiċċju tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet. Ix-xhud qalet li fost affarijiet oħra, xogħolha jikkonsisti fl-ivvettjar ta' applikazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet sabiex jiksbu l-i*status* ta' persuna ġuridika, *ai termini* tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili. Ix-xhud spjegat li tali organizzazzjonijiet jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, u meta jirreġistraw ruħhom dawn jingħataw ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Ix-xhud ikkonfermat li Ta' Qali Producers' Group (Frott u Ħxejjex) la hija u qatt ma kienet irreġistrata bħala persuna ġuridika mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll *l-affidavit* ta' **Sebastian Micallef**[16], li qal li hu jaħdem bħala *Enrolment Officer* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji, u fost affarijiet oħra dan l-uffiċċju jirreġistra għaqdiet volontarji li jikkwalifikaw skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Ix-xhud qal li hu jiltaqa' ma' *non-governmental organisations* sabiex jiddiskuti magħhom u jara jekk dawn jikkwalifikawx bħala tali. Qal ukoll li Ta' Qali Producers' Group (Frott u Ħxejjex) mhumiex u qatt ma ġew iskritti mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji bħala għaqda volontarja.

---

14 Kopja tal-ittra *a fol.* 81 tal-proċess.
15 A *fol.* 83 tal-proċess.
16 *A fol.* 84 tal-proċess.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Frances Mifsud**[17], *Chairperson* tal-Bord tal-Ko-operattivi, li qalet li meta organizzazzjoni tkun trid tirreġistra ruħha bħala koperattiva, tissottometti applikazzjoni lill-Bord tal-Ko-operattivi, flimkien ma' *business plan* u kopja tal-istatut tal-istess organizzazzjoni. Ix-xhud qalet li dawn id-dokumenti jiġu evalwati mill-imsemmi bord sabiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk l-organizzazzjoni għandhiex tiġi approvata għar-reġistrazzjoni jew le. Ix-xhud spjegat li meta organizzazzjoni tiġi reġistrata bħala koperattiva, din tingħata numru ta' reġistrazzjoni li jintuża biss minn dik il-koperattiva, kif ukoll ċertifikat ta' reġistrazzjoni, titħallas il-miżata tar-reġistrazzjoni u n-notifika tar-reġistrazzjoni tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Ix-xhud żiedet tispjega li minn dak il-mument 'il quddiem, l-organizzazzjoni tkun irreġistrata bħala koperattiva u tkun tista' tibda bl-operat tagħha. Qalet ukoll li kull koperattiva rreġistrata trid turi l-kelma 'coop' jew 'koperattiva' fl-isem tagħha. Ix-xhud qalet li mill-verifiki li għamlet hi, u li jmorru lura sa Mejju tal-2014, ma jirriżultax li hemm koperattiva rreġistrata bl-isem ta' 'Ta' Qali Producers' Coop. Ltd.'.

L-atturi min-naħa tagħhom ippreżentaw kopja ta' riżoluzzjoni tal-Bord tat-TQPG tal-20 ta' Frar, 2014[18], fejn Peter Axisa ġie maħtur bħala r-rappreżentant ġudizzjarju tat-TQPG, bil-poteri kollha li jirrappreżenta lill-istess entità fi kwalunkwe proċeduri legali li din tkun involuta fihom. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni (Statut) ta' Ta' Qali Producers' Group (Frott u Ħxejjex).[19]

[17] *A fol.* 85 tal-proċess.
[18] *A fol.* 86 tal-proċess.
[19] *A fol.* 89 *et seq.* tal-proċess.

L-attur **Peter Axisa** fl-*affidavit* tiegħu qal[20] li hu ilu snin twal involut f'għaqdiet tal-bdiewa, u f'diversi kooperattivi u kumitati tal-bdiewa, partikolarment fiż-żmien meta Malta kienet ser tissieħeb fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiż kien hawn ħafna diskussjonijiet dwar is-sostenibbilità tal-industrija u l-għajxien tal-bdiewa. Ix-xhud qal li hu kien parteċipi f'diskussjonijiet marbuta mal-fatt li l-qasam tal-biedja kien ser jieħu daqqa ta' ħarta bir-regoli l-ġodda li kienu ser jiddaħħlu bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u qal li bdiet tiġi esplorata l-possibilità li jitwaqqfu organizzazzjonijiet tal-produtturi bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt fuq il-bdiewa lokali, anki minħabba li dawn setgħu jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea. Ix-xhud qal li dak iż-żmien hu kien Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u kien ippropona li l-bdiewa kollha jingħaqdu fi *producers' organisation* waħda b'saħħitha, u kienu bdew diskussjonijiet f'dan ir-rigward sabiex flimkien jaraw liema regoli kellhom jiġu segwiti. Żied jgħid li din l-organizzazzjoni ngħatat rikonoxximent fis-sena 2005, u l-Gvern kien ikkonċeda l-użu tal-*grading station* ġewwa Ta' Qali sabiex joperaw minnu. Kompla jgħid li qabel organizzaw ruħhom f'organizzazzjoni tal-produtturi, il-bdiewa kienu raw liema għajnuna setgħu jibbenefikaw minnha, u kien ġie kkonfermat lilhom li setgħu jibbenefikaw minn massimu ta' €100,000 fis-sena bħala għajnuna fuq il-*value of marketed production (VMP),* u €200,000 permezz ta' għajnuna *de minimis* fuq medda ta' tliet snin, kif ukoll minn żmien għal żmien setgħu jiġu varati skemi ta' fondi rurali li setgħu jibbenefikaw minnhom. Ix-xhud qal li din l-organizzazzjoni ssemmiet Ta' Qali Producers' Group, u mill-bidu nett kien ġie rikonoxxut li din ma setgħetx tilqa' l-prodotti tal-membri kollha tagħha mill-ewwel, u għalhekk kien intlaħaq ftehim mal-Gvern sabiex il-membri tagħha jkunu jistgħu jibqgħu jdaħħlu l-

[20] *A fol.* 112 tal-proċess.

prodotti tagħhom ġewwa l-Pitkalija sakemm jagħmlu dan għan-nom tat-TQPG. Ix-xhud żied jgħid li kemm minħabba fin-numru ta' membri li kellha t-TQPG, kif ukoll minħabba li l-kwantità tal-prodott beda jinkwieta lill-pitkala, kien hemm kontestazzjoni da parti tal-pitkala dwar l-arranġament ta' *outsourcing* milħuq, għalkemm meta nkiseb il-parir tal-Avukat Ġenerali dwar dan, kien ġie stabbilit li dan l-arranġament kien wieħed leċitu u li seta' jitkompla.[21] Fil-fatt it-TQPG tħallas l-ammont ta' €300,000 għas-snin 2007, 2008 u 2009. Qal li fis-sena 2009, it-TQPG applika għall-ħlas lilu tal-bilanċ ta' €104,000 minn €200,000 permissibbli taħt id-*de minimis aid,* u dakinhar kienu nġiebu ħafna skużi dwar għalfejn dan l-ammont ma kienx tħallas, tant li saħansitra ntalbet laqgħa mal-Prim Ministru fejn it-TQPG intalab iressaq il-*projections* tiegħu.[22] Ix-xhud qal li dawn ġew ippreparati mill-awditur tat-TQPG, Sandro Grech[23], li attenda wkoll għal uħud mil-laqgħat li saru ma' Dr Christopher Ciantar u Ian Azzopardi mill-Ministeru tal-Finanzi, u fl-ebda stadju ma ntqal lilhom li ma kinux ser jitħallsu dawn il-flus. Ix-xhud qal ukoll li f'Settembru tal-2010 it-TQPG kien issottometta applikazzjoni sabiex jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi, u fis-17 ta' Diċembru, 2010 kienu ġew infurmati li dik l-applikazzjoni ġiet rifjutata minħabba li kien hemm xi dokumenti nieqsa mid-dokumentazzjoni li kellha tiġi ppreżentata. Qal li dakinhar hu kien stqarr li kien hemm min qiegħed jaħdem kontra l-interessi tat-TQPG, iżda kien ingħata assigurazzjoni mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien li dan ma kienx il-każ.[24] Sussegwentement kien tkellem ma' Dr Christopher Ciantar li kien qallu li kellhom jiġu indirizzati l-problemi li kien ġab għall-attenzjoni tagħhom l-Awditur Ġenerali, kif ukoll li t-TQPG ma setax jibqa' *producers' group* iżda

[21] Ara *emails* esebiti *a fol.* 120 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 129 tal-proċess.
[23] Kopja ta' dawn il-*projections a fol.* 132 *et seq.* tal-proċess.
[24] Kopja tal-*email a fol.* 148 tal-proċess.

kellu jsir *producers' organisation.* Ix-xhud qal li ġew assenjati magħhom għadd ta' individwi sabiex jgħinu lit-TQPG, iżda dawn kellhom interessi li jgħinu l-pożizzjoni tal-Awtorità Kompetenti u tal-Aġenzija tal-Pagamenti minflok lit-TQPG. Ix-xhud qal li wieħed mill-uffiċjali li ta' spiss kien jifli d-dokumentazzjoni tat-TQPG, kien ġabar id-dokumenti li kellu bżonn u ma deherx aktar. Ix-xhud qal li fl-2010, kien inżamm *audit* mill-*Internal Audit Investigation Department (IAID)* fuq l-Aġenzija tal-Pagamenti u l-Awtorità Kompetenti, u minn dan l-*audit* kien irriżulta li l-arranġament dwar l-*outsourcing* ma kienx permissibbli taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Qal li Joseph Caruana, dak iż-żmien Kap tal-Aġenzija tal-Pagamenti, kien informa lit-TQPG fil-preżenza tal-awditur tagħha Brian Ferrante, li dan l-arranġament kellu jieqaf, iżda l-Gvern kien ser jerfa' r-responsabbilità tiegħu u jħallas l-ammont ta' €100,000 li kienu dovuti għas-sena 2010, liema fondi kellhom jitħallsu sa April tal-2011. Qal li dawn il-flejjes baqgħu ma tħallsux, u kull meta staqsew dwar dan, dejjem intqal lilhom li l-flus kienu ser jitħallsu. Ix-xhud kompla jgħid li sabiex jitħallsu l-VMP għas-sena 2011, kien hemm il-ħtieġa li t-TQPG jkun rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi, iżda l-applikazzjoni mressqa għal tali ħlas ma ġietx aċċettata mill-Aġenzija tal-Pagamenti, li talbet ukoll dikjarazzjoni mill-Awtorità Kompetenti li tikkonferma li t-TQPG kien qiegħed jopera skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea. Qal li minkejja li dan ma kienx rekwiżit għall-ħlas tal-fondi, l-applikazzjoni tat-TQPG ġiet rifjutata, u b'hekk l-għajnuna li din kellha tingħata għas-snin 2011 u 2012 tpoġġiet fid-dubju.[25] Ix-xhud allega li r-raġuni għalfejn TQPG ma ġietx rikonoxxuta fl-2012, kienet sabiex ikun hemm raġuni għalfejn l-Aġenzija tal-Pagamenti titlob lura l-ħlas tal-pagamenti li kienu saru fil-passat. Fi kliem ix-xhud:

[25] Dokumenti *a fol.* 153 u 154 tal-proċess.

> "Għalhekk, flok ma ħallsuna l-ammont ta' €100,000 VMP għas-sena 2010, kif ukoll il-bilanċ dovut mill-iskema *de minimis* ta' €104,000 flimkien mal-ammont dovut bħala VMP għas-sena 2011, li kellu jammonta għal madwar €150,000, argumentaw li la darba TQPG ma baqgħetx rikonoxxuta, kellha tħallas lura l-ammonti li hija kienet irċeviet flimkien mal-interessi fuq dak l-ammont, madwar €350,000. Wara li lmentajt li ma kellhomx dritt jitolbuhom lura minħabba li dawn kienu tħallsu regolarment u bl-approvazzjoni ta' diversi ministeri, tneħħielna r-rikonoxximent."

Ix-xhud kompla jgħid li minħabba f'dan id-dewmien, is-sitwazzjoni finanzjarja tat-TQPG kompliet sejra dejjem lura, minħabba li bdiet taqa' lura fil-ħlasijiet dovuti lill-membri tagħha, li meta raw li ma kinux qegħdin jiġbru flushom, ma baqgħux interessati fil-proġett. Ix-xhud qal li l-għaqda kontinwament kienet tiġi mwiegħda li l-flejjes dovuti lilha sejrin jitħallsu, u kienet biss kwistjoni ta' żmien sakemm tiġi riżolta l-problema.[26] Ix-xhud spjega kif it-TQPG ipprova jkompli jopera l-ħwienet li kellu minħabba li dawn kienu sors ta' introjtu importanti għalih, iżda peress li l-bdiewa membri ma kinux qegħdin jgħaddu l-prodott tagħhom lit-TQPG, dan kellu jirrikorri għall-bejgħ ta' prodotti ta' terzi, li ma kinux tal-istess kwalità, u li kienu jippretendu prezzijiet ogħla minn dawk mitluba mill-membri tiegħu. Qal ukoll li dan l-arranġament fisser it-telf tal-kummissjoni li t-TQPG kien jieħu mingħand il-membri tiegħu li kienet tammonta għal 5.7% fuq kull fattura. Qal li f'Ottubru 2011, issejħet laqgħa għall-bdiewa, anki minħabba li dak iż-żmien t-TQPG kien ingħata indikazzjoni li l-ħlasijiet dovuti lilhom kienu ser isiru fi ftit jiem. Qal li minkejja dan, il-flus baqgħu ma waslux, u għalhekk għal darb'oħra t-TQPG ma setax iżomm kelmtu mal-bdiewa membri tiegħu. Ix-xhud kompla jgħid li wara ftit żmien, kienet saret laqgħa oħra, din id-darba fil-preżenza tal-Ministru George Pullicino, u fil-preżenza wkoll ta' għadd ta' uffiċjali mill-Ministeru tal-Agrikoltura, fejn għal darb'oħra t-TQPG ngħata assikurazzjoni li l-intenzjoni tal-Gvern kienet li

[26] *A fol.* 159 tal-proċess.

jżomm l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jaħdmu sakemm dawn jikkonformaw mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Qal li min-naħa tat-TQPG kienu spjegaw li l-problemi li kienu qegħdin jiffaċċjaw kienu jirrigwardjaw in-nuqqas ta' flus u li l-proċedura segwita fil-passat kienet saret bil-barka tal-Ministeru u tal-Gvern u kienet issanzjonata mill-Avukat Ġenerali stess. Ix-xhud żied jgħid li wara kienet saret laqgħa oħra fejn kien intlaħaq qbil dwar *road map* li ġie miktub minn Sandro Grech l-awditur tat-TQPG, li ntbagħtet lis-Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar u lid-Direttur tal-Agrikoltura Dr Justin Zahra, li ftit sigħat qabel il-laqgħa emenda r-*road map* proposta, b'mod li ma baqgħetx aċċettabbli għat-TQPG. Ix-xhud qal li f'laqgħa li huwa kellu ma' Dr Ciantar, kien spjegalu li l-pretensjoni tat-TQPG kienet li jsir il-ħlas ta' dak li kien dovut lilha għas-sena 2010 fl-ammont ta' €100,000 VMP, il-ħlas ta' €104,000 bħala għajnuna *de minimis,* u l-ħlas ta' madwar €25,000 taħt il-miżura RD 123, li bl-investimenti li kienu saru mit-TQPG kellu jitla' għal madwar €70,000. Qal li dan id-dewmien fil-ħlasijiet fisser defiċit finanzjarju ta' madwar €200,000 fil-finanzi tat-TQPG, liema flejjes kienu dovuti lill-membri tagħha, u dan l-ammont kien anki jirrappreżenta danni inkorsi minħabba d-dewmien fil-pagamenti. Ix-xhud qal li dakinhar Dr Ciantar kien infurmah li t-talba tat-TQPG kienet ser tfisser ħlas ta' madwar €800,000 minħabba li l-Aġenzija tal-Pagamenti kellha tirkupra l-ammont li kienet ħarġet kontra r-regoli. Peter Axisa qal li wara din il-laqgħa, huwa kien tkellem ma' Dr Zahra, li kien infurmah li l-ebda ammont ma kien dovut lit-TQPG, u żied jgħid li dik kienet l-ewwel darba li t-TQPG kienet qiegħda tiġi infurmata li l-Gvern kien qiegħed jieħu din il-linja. Ix-xhud qal li fil-jiem ta' wara hu għamel il-verifiki tiegħu ma' għadd ta' persuni li lkoll ikkonfermawlu li l-Gvern kien ħa dik il-pożizzjoni minħabba li l-ammont pretiż mit-TQPG kien kbir wisq biex jitħallas.

Ix-xhud kompla jgħid li f'dan l-istadju hu ma kellu l-ebda dubju li l-Awtorità Kompetenti kif ukoll l-Aġenzija tal-Pagamenti kienu ddeċidew li jneħħulhom ir-rikonoxximent sabiex jgħattu l-iżbalji tagħhom. Żied jgħid li saru laqgħat oħra fejn ġie enfasizzat mit-TQPG li huma ma setgħux jaċċettaw li r-reġistrazzjoni tagħhom titneħħa, u li din ir-reġistrazzjoni tneħħiet sabiex l-Aġenzija tal-Pagamenti jkollha raġuni għalfejn ma tħallasx dak dovut għas-sena 2012. Intqal ukoll li l-ftehim tal-*outsourcing* kien sar bil-barka tal-Gvern, u għalhekk il-Gvern ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jitlob il-ħlas lura tal-flejjes li kienu diġà tħallsu minnu. Żied jgħid li fl-14 ta' Mejju, 2012, Dr Justin Zahra kien talbu informazzjoni dwar kemm kienu l-ammonti ta' flejjes li kellhom jitħallsu lil kull bidwi, u hu kien għaddielu din l-informazzjoni.[27] Ix-xhud qal li f'laqgħa oħra li saret fis-6 ta' Mejju, 2012 ma' Dr Christopher Ciantar, dan kien infurmah li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu is-somma ta' €300,000, li setgħet jew tiġi ritornata lura lill-Aġenzija tal-Pagamenti, jew inkella setgħet tintuża biex titħallas is-somma ta' €200,000 lill-bdiewa u s-somma ta' €100,000 sabiex jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuta fir-rigward tal-impjegati tat-TQPG. Ix-xhud qal li hu spjega lil Dr Ciantar li kieku dawk il-flejjes tħallsu lit-TQPG sena qabel, il-kwistjoni kienet tkun riżolta, u dawk il-flejjes ma kinux jintilfu, u wrieh anki dokumentazzjoni li turi li minn meta l-bdiewa membri tat-TQPG waqfu jitħallsu, l-ammont ta' prodotti li din bdiet tirċievi mingħand il-membri tagħha naqas minn €80,000 fix-xahar għal €8,000 fix-xahar. Ix-xhud qal li hu talbu s-somma ta' €100,000 sabiex ikunu jistgħu jvinċu bħala kapital, u sabiex bihom ikunu jistgħu jibnu entità ġdida. Ix-xhud żied jgħid li kienet saret laqgħa oħra fis-6 ta' Lulju 2012, li għaliha kienu preżenti rappreżentanti mill-MRRA flimkien ma' rappreżentanti mit-TQPG, fejn ġie propost li kellha tiġi

[27] A fol. 162 tal-proċess.

ffurmata entità ġdida b'*management agreement* ġdid rigward l-użu tal-imħażen ġewwa Ta' Qali, li t-TQPG kellu jiġi likwidat u l-Gvern iħallas lill-bdiewa dak dovut lilhom, u jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi dovuti.[28] Kwantu għall-kredituri l-oħra, kien intqal li l-entità l-ġdida kellha tassumi dawn id-debiti, u minkejja li din ma kinitx l-aktar soluzzjoni feliċi li setgħet tiġi proposta, qal li kienet l-uniku mod kif is-sitwazzjoni setgħet tiġi salvata. Ix-xhud qal li minħabba li ma kienx hemm qbil bejn il-Gvern u t-TQPG dwar is-sekwenza li biha kellhom isiru l-affarijiet, kienet issejħet laqgħa straordinarja ġenerali tat-TQPG sabiex ikunu l-membri li jiddeċiedu dwar l-andament ta' kif kellhom isiru l-affarijiet.[29] Peter Axisa kompla jgħid li fit-30 ta' Lulju, 2012, hu stess ċempel lil Ray Bezzina mis-Segretarjat tal-MRRA sabiex jara jekk it-TQPG setax jiġi likwidat fl-istess ħin li dan jingħata ċekk bankarju sabiex jitħallsu l-bdiewa, u dan kien infurmah li seta' jsir hekk, biss il-Gvern ried flessibilità dwar il-*management agreement* sabiex jipprovdi post alternattiv. Ix-xhud qal li hu pprova jippuntwalizza dan kollu f'*email* mibgħuta minnu fis-6 ta' Awwissu, 2012[30], iżda ma kien irċieva l-ebda risposta għaliha. Sussegwentement kienet saret laqgħa ġenerali straordinarja għall-membri fejn ġie deċiż li kellha tiġi reġistrata koperattiva bl-isem ta' 'Ta' Qali Producers Coop. Ltd. (TQPC)', li l-bord tal-koperattiva kellu jingħata l-poter li jistralċja lit-TQPG sakemm jinħareġ ċekk bankarju li jkun jirrifletti l-ammont dovut lill-bdiewa u tingħata prova li tħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi pendenti, u l-membri tal-bord jingħataw il-fakoltà jinnegozjaw l-aħjar *management agreement* fl-interess tal-entità l-ġdida. Peter Axisa qal li għal dawn ir-riżoluzzjonijiet kif proposti, ma kien hemm ebda reazzjoni da parti tal-

[28] Ara korrispondenza *a fol.* 165 *et seq.* tal-proċess.
[29] Kopja tal-avviż għas-sejħa tal-laqgħa *a fol.* 174 tal-proċess.
[30] *A fol.* 175 *et seq.* tal-proċess.

Gvern. Ix-xhud qal li minkejja dan, it-TQPG bagħat applikazzjoni għall-formazzjoni tal-koperattiva l-ġdida, u din ġiet rikonoxxuta fit-30 ta' Jannar, 2013, u l-krendituri tat-TQPG bdew jinqalbu fuq il-koperattiva l-ġdida kif kien ġie miftiehem f'Settembru tal-2012. Peter Axisa qal li l-Gvern ma onorax il-parti tiegħu tal-ftehim, u wara li ħallas lill-bdiewa, beda jinsisti li t-TQPG tiġi xolta qabel jiġu onorati l-aspetti l-oħra tal-ftehim. Qal ukoll li kien hemm oġġezzjonijiet mid-Dipartiment tal-Artijiet biex l-imħażen f'Ta' Qali jiġu ttrasferiti minn fuq it-TQPG għal fuq il-koperattiva. Ix-xhud qal li wara li f'Jannar tal-2014 kien hemm qtugħ mill-Enemalta tad-dawl fl-imħażen, ma kienx fadal wisq x'isir għajr li t-TQPG jagħlaq il-bibien u jniedi l-proċeduri odjerni.

Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2015 xehdet **Frances Mifsud,** *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi[31], li qalet li hija bdiet tokkupa din il-kariga minn Ġunju tal-2013. Ix-xhud spjegat li kull koperattiva reġistrata mal-Bord għandha l-obbligu li ta' kull sena tissottometti għadd ta' dokumenti lill-Bord tal-Koperattivi, fosthom rapporti finanzjarji u evidenza li tkun saret laqgħa ġenerali annwali tal-koperattiva, informazzjoni dwar kif inhu kompost il-kumitat tal-koperattiva, u informazzjoni oħra li tista' tintalab mill-Bord minn żmien għal żmien. Ix-xhud ikkonfermat li fir-Reġistru m'hemm l-ebda koperattiva rreġistrata bl-isem ta' Ta' Qali Producers Coop Limited, u r-reġistrazzjoni ta' koperattiva b'dan l-isem qatt ma ġiet finalizzata. Spjegat li l-unika evidenza ta' reġistrazzjoni tal-koperattiva hija ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, liema ċertifikat qatt ma ħareġ fir-rigward ta' koperattiva b'dan l-isem. Ix-xhud qalet li fil-31 ta' Jannar, 2013, il-Bord tal-Koperattivi kien informa lil wieħed mill-membri prospettivi tal-koperattiva li r-reġistrazzjoni kienet qiegħda tiġi approvata,

[31] *A fol.* 187 tal-proċess.

għalkemm żiedet tgħid li dan ma jfissirx li b'daqshekk ir-reġistrazzjoni ġiet finalizzata. Ix-xhud kompliet tgħid li sabiex tiġi finalizzata r-reġistrazzjoni, ikun fadal li titħallas il-miżata tar-reġistrazzjoni, li joħroġ iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u li jidher l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, meta dan kollu baqa' ma sarx fil-każ odjern. Qalet li wara li Peter Axisa ġie infurmat b'dan, hu kien imsejjaħ għal laqgħa fejn ġie infurmat li r-reġistrazzjoni kienet suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet, u li f'dak l-istadju l-koperattiva kienet qiegħda titqies bħala koperattiva prospettiva. Qalet ukoll li in vista tal-fatt li l-informazzjoni mitluba mingħand Peter Axisa baqgħet ma ġietx ipprovduta minnu, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-koperattiva kellha tiġi irtirata, u Peter Axisa kien ġie infurmat b'dan permezz ta' ittra tal-21 ta' Frar, 2014.[32] Ix-xhud żiedet tgħid li kien hemm għadd ta' persuni oħrajn apparti Peter Axisa li kienu ġew infurmati b'din id-deċiżjoni, fosthom Saviour Gauci, John Galea u Philip Micallef, u ħadd minnhom ma kien b'xi mod ikkontesta din id-deċiżjoni.[33]

Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2015 reġa' xehed **Peter Axisa**[34], li qal li ma jafx min mill-awtoritajiet jista' jgħid jekk it-TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi għadhiex teżisti jew le. Ix-xhud spjega li l-idea li tiġi ffurmata organizzazzjoni tal-produtturi oriġinat wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, meta l-bdiewa dakinhar ingħaqdu biex jiffurmaw organizzazzjoni bħal din, u ħatru għadd ta' persuni, fosthom lilu, biex jaraw li din l-organizzazzjoni timmaterjalizza. Ix-xhud qal li dak iż-żmien il-Ministeru tal-Agrikoltura kien irrikonoxxa lill-organizzazzjoni tal-produtturi bl-isem ta' Ta' Qali Producers' Group.

---

32 *A fol.* 193 tal-proċess.
33 Kopja ta' din il-korrispondenza tinsab esebita *a fol.* 191, 192 u 193 tal-proċess.
34 *A fol.* 194 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Dr Justin Zahra**[35], li qal li hu Direttur tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, u r-rwol tiegħu fir-rigward ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi hu li jiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent ta' tali organizzazzjonijiet fi żmien tliet xhur minn meta tiġi sottomessa d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għal dan l-iskop; li jara li jsiru kontrolli f'intervalli regolari biex jiġi assigurat li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu konformi mal-kundizzjonijiet imposti; li jimponi l-penali applikabbli fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità; u li jirtira r-rikonoxximent fejn ikun meħtieġ. Ix-xhud qal li t-Ta' Qali Producers' Group l-ewwel li kien rikonoxxut kien b'effett mit-22 ta' Settembru, 2005, u dam rikonoxxut bħala *producers' group* sat-8 ta' Diċembru, 2010. Ix-xhud qal li fid-9 ta' Diċembru, 2010 it-TQPG ġie rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi (*producers' organisation*), għaliex *producers' group* jista' jdum rikonoxxut biss għal ħames snin. Ix-xhud qal ukoll li kien ingħata rikonoxximent provviżorju bħala *producers' organisation* għal perijodu ta' sena marbut ma' għadd ta' kundizzjonijiet li kienu speċifikati fid-*decree of recognition* u dam hekk rikonoxxut sas-16 ta' Mejju, 2012, meta ġie rtirat ir-rikonoxximent. Żied jgħid li fuq insistenza tal-membri, l-isem kien baqa' Ta' Qali Producer Group, anki meta ġew rikonoxxuti bħala *producers' organisation.* Ix-xhud qal ukoll li d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura li jirtira r-rikonoxximent qatt ma ġiet ikkontestata, u din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li kien hemm dokumenti addizzjonali li kellhom jiġu ppreżentati mit-TQPG li baqgħu ma ġewx ippreżentati, u kienu saru għadd ta' kontrolli u verifiki min-naħa tal-Ministeru peress li ma kienx hemm programm operattiv li seta' jiġi aċċettat mid-Direttorat għas-sena 2012, u għalhekk ir-rikonoxximent ġie rtirat. Ix-xhud

[35] *A fol.* 198 tal-proċess.

qal li anki mil-lista tal-membri ppreżentata, kien evidenti li kien hemm xi nuqqasijiet, anki minħabba l-fatt li l-istatut kien jispeċifika li xi ħadd li jinstab ħati li wettaq reat kriminali ma setax ikollu r-rappreżentanza ta' din l-organizzazzjoni. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius)** ***vs.*** **Peter Axisa**, fl-24 ta' Frar, 2014[36], fejn Peter Axisa kien instab ħati li naqas milli jibgħat il-formuli tat-taxxa skont id-dispożizzjonijet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System skont l-Avviż Legali 88 tal-1998.

Fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2015 sar il-kontroeżami ta' **Dr Justin Zahra**[37], li kkonferma li fis-sena 2005 it-TQPG kien jopera bħala *producers' group* u f'dan ir-rigward kellha ċertifikat ta' rikonoxximent. Ix-xhud ikkonferma wkoll li tali *producers' groups* u anki l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom identità legali separata minn dik tal-membri tagħhom. Ix-xhud qal li hu kellu l-obbligu legali li jivverifika jekk tali organizzazzjoni kinitx qiegħda topera skont il-liġi bħala organizzazzjoni tal-produtturi, u meta hu għamel il-verifiki tiegħu rriżultalu li mhux il-kundizzjonijiet kollha kienu qegħdin jiġu osservati, u għalhekk hu kien obbligat li jirtira r-rikonoxximent. Ix-xhud qal li hu daħal fir-rwol ta' direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-2011, u l-ewwel verifika li saret minnu kienet fir-rigward tal-programm operattiv li kellu jiġi ppreżentat sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena. Ix-xhud qal li hu kellu għadd ta' laqgħat mal-membri tal-kumitat tat-TQPG, sabiex jistabbilixxi jekk dan il-programm operattiv kienx ser jiġi ppreżentat, u waħda mill-kwistjonijiet li qamet kienet minħabba li Peter Axisa beda jikkontesta l-*value of marketed production,* li

[36] *A fol.* 203 *et seq.* tal-proċess.
[37] *A fol.* 214 tal-proċess.

abbażi tiegħu jiġi approvat l-infiq għas-sena ta' wara, u miċ-ċifri ppreżentati rriżultalu li l-atturi kienu qegħdin jippretendu li jiġi approvat infiq li ma kienx jikkorrispondi ma' dak li kienu ntitolati għalih skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea.[38] Ix-xhud qal ukoll li hu daħal fil-*file* relattiv sabiex jassumi r-responsabbilità għal dak li kien hemm fl-operat tal-organizzazzjoni, u żied jgħid li fil-*file* kien hemm rapporti dwar dak li kien sar fil-passat, li kienu jindikaw li kien hemm ċerti ħlasijiet li wħud minnhom kienu korretti u oħrajn le. Qal iżda li dawk il-ħlasijiet kellhom x'jaqsmu mal-Aġenzija tal-Pagamenti u ma kinux jaqgħu fil-mansjonijiet tiegħu. Ix-xhud kompla jgħid li meta fl-2012 lilu rriżultalu li ma kien hemm l-ebda programm operattiv approvat, hu ma kellu l-ebda poter li jagħmel l-affarijiet b'mod differenti mill-mod kif saru, u dan minkejja d-diskussjonijiet li saru anki ma' Ministri tal-Gvern bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni. Kompla jgħid li waħda mill-problemi li kellu jiffaċċja kienet minħabba li t-TQPG kien qiegħed ibigħ affarijiet li ma kinux prodotti tal-membri tiegħu, u dawn il-prodotti kienu jiffurmaw il-parti l-kbira tal-prodotti mibjugħa minnu. Qal li l-ħlasijiet li saru lit-TQPG jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Aġenzija tal-Pagamenti u mhux tal-Ministeru tal-Agrikoltura.

Fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2015 xehed **Roland Micallef**[39], li qal li hu kien konsulent imqabbad mit-TQPC f'isem Farm Advisory Services Coop, u għal xi żmien kien qiegħed joffri konsulenza sabiex grupp ta' bdiewa jiffurmaw koperattiva li tiġi rreġistrata mal-Bord tal-Koperattivi. Ix-xhud qal li kien hu li ħa ħsieb iħejji l-istatut tal-koperattiva, u żgura li jkun hemm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni.

[38] Fi kliem ix-xhud - "[j]ien eżaminajt dak li fil-fatt kien qiegħed jiġri u ħareġ li, dak li ppreżentajt li tipprova ticclaimja għall-ħlas, għas-sena ta' wara, ammonti li fil-fatt mhumiex eliġibbli, ovvjament dan mhux permissibbli skont ir-regoli allura ma stajtx napprova programm operattiv."

[39] *A fol.* 224 tal-proċess.

Ix-xhud qal li sal-istadju meta l-koperattiva ġiet irreġistrata, il-proċedura segwita kienet konformi ma' dak li suppost kellu jsir. Qal li wara l-proċess tal-applikazzjoni, il-koperattiva tiġi vvettjata mill-Bord. Il-Bord jitlob lill-membri jattendu, fejn jiġu mistoqsija d-domandi li jkun hemm bżonn u wara li jaraw il-*viability statement,* jerġgħu jitkellmu mal-kumitat tat-tmexxija u wara tittieħed deċiżjoni dwar il-formazzjoni tal-koperattiva. Ix-xhud qal li hu kellu konferma li r-reġistrazzjoni tal-koperattiva ġiet aċċettata, tant hu hekk li l-koperattiva ngħatat ukoll numru li kellha taħdem bih. Ix-xhud qal li meta hu ċċekkja r-reġistru tal-koperattivi, sab li fir-reġistru ma kienx hemm isem din il-koperattiva, u n-numru allokat għal din il-koperattiva kien tħalla vakanti. Qal ukoll li hu ma jafx jekk il-miżata marbuta mar-reġistrazzjoni tal-koperattiva kinitx tħallset jew le, u lanqas jekk ir-reġistrazzjoni tal-koperattiva kinitx ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern jew le. Qal ukoll li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jfissirx li l-koperattiva ma tkunx irreġistrata.

Permezz ta' nota tat-8 ta' April, 2015, l-atturi ppreżentaw vera kopja ta' żewġ ittri uffiċjali bin-numri 704/15 u 705/15 intavolati mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima kontra Ta' Qali Producers' Group (Fruit and Vegetables), bħala prova li l-konvenuti stess kienu rrikonoxxew lit-TQPG bħala għaqda tal-produtturi.[40]

Fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2015 sar il-kontroeżami ta' **Frances Mifsud**[41], li qalet li Ta' Qali Producers' Cooperative Limited kellha numru ta' reġistrazzjoni. Ix-xhud qalet li ma tafx jekk it-TQPG kienx ġie rreġistrat u rikonoxxut mill-Gvern u jekk kienx ukoll tħallas xi fondi. Ix-xhud qalet li meta daħlet fil-kariga

[40] *A fol.* 232 u 234 tal-proċess.
[41] *A fol.* 244 tal-proċess.

hi, sabet sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni tat-TQPG għal rikonoxximent bħala koperattiva kienet ġiet iffriżata, minħabba li kien hemm għadd ta' kundizzjonijiet li kellhom jiġi osservati. Ix-xhud qalet li kien ingħata terminu ta' żmien fejn il-partijiet ikkonċernati kellhom jinfurmaw lill-Bord jekk kinux osservaw il-kundizzjonijiet imposti jew le, u meta l-Bord qies li kien għadda żmien biżżejjed u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mal-Bord, il-Bord ħa d-deċiżjoni li l-applikazzjoni ma tkomplix tiġi pproċessata. Ix-xhud qalet li l-ħlas għar-reġistrazzjoni tal-koperattiva ma kienx sar, u Peter Axisa kien diġà ġie avżat biex la juża l-isem u lanqas in-numru tal-koperattiva. Ix-xhud ikkonfermat li kien inħareġ digriet provviżorju ta' rikonoxximent, u għalhekk din il-koperattiva setgħet tibda topera. Qalet ukoll li kien hemm *advisor* li kien talab informazzjoni mingħand il-Bord dwar l-i*status* ta' din il-koperattiva, u dan kien ġie infurmat li r-reġistrazzjoni tagħha ma kinitx ġiet finalizzata. Ix-xhud qalet li mill-korrispondenza li sabet fil-*file* jirriżulta li kien hemm interventi da parti tal-Gvern sabiex tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni. Qalet ukoll li minkejja li kien hemm numru riservat għal koperattiva li kellha tissejjaħ Ta' Qali Producers Cooperative, ir-reġistrazzjoni tagħha ma kinitx ġiet finalizzata.

Fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2016 ingħatat sentenza *in parte* dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, li permezz tagħha l-Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, filwaqt li laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti. B'deċiżjoni oħra tal-15 ta' Marzu, 2016, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti sabiex jinterponu appell mis-sentenza *in parte*.

L-atturi ppreżentaw *affidavit* ieħor ta' **Peter Axisa**[42], fejn żied jgħid li l-proġett tal-atturi kien maħsub biex ilaqqa' flimkien għadd ta' bdiewa, li kienu madwar 87 fil-bidu tal-proġett, li mbagħad telgħu għal aktar minn 400, sabiex il-prodotti tal-bdiewa jkunu jistgħu jinbiegħu b'mod koordinat, u b'hekk il-bdiewa jieħdu prezz aħjar għall-prodott tagħhom, filwaqt li l-konsumatur ikun jista' jiffranka l-flus. Ix-xhud qal li l-membri mill-ewwel urew interess qawwi f'din l-inizjattiva, u sa mill-istadji inizjali tal-proġett kien ġie stabbilit li organizzazzjonijiet simili kellhom ibigħu l-prodotti kollha tal-membri tagħhom u mhux biss parti minnhom. Ix-xhud spjega li l-organizzazzjoni kienet għadha mhix attrezzata b'mod li setgħet tbiegħ il-prodotti, minħabba li la kellha ħwienet u lanqas strutturi minn fejn seta' jsir dan, u għalhekk ma kienx possibbli għaliha hekk kif bdiet bl-operat tagħha li tgħid lill-membri tagħha sabiex jikkonsenjaw lilha l-prodotti kollha tagħhom. Ix-xhud qal li huma għarrfu b'dan lill-awtoritajiet sa minn qabel beda jopera t-TQPG, u s-soluzzjoni li waslu għaliha kienet li l-bdiewa kellhom jagħmlu dikjarazzjoni mad-Direttur tal-Agrikoltura li permezz tagħha kellhom jinfurmawh li x-xogħol li kienu qegħdin idaħħlu l-Pitkalija kien qiegħed jiddaħħal f'isem it-TQPG, sabiex il-flus li fl-aħħar tax-xahar jiddaħħlu mill-bejgħ tal-prodotti fil-Pitkalija jitħallsu fil-kont bankarju tat-TQPG, minflok lill-bdiewa b'mod individwali. Ix-xhud żied jgħid li kien hemm numru ta' membri li lmentaw dwar dan, iżda kien ingħata l-parir tal-Avukat Ġenerali li dan il-*modus operandi* kien wieħed leġittimu. Ix-xhud kompla jispjega kif fil-bidu it-TQPG beda jopera bħala *producers' group* u ngħata rikonoxximent preliminari f'dan ir-rigward, sabiex b'hekk seta' beda jopera bin-numru PG 1. Sussegwentement wara ħames snin, ir-regolamenti kienu jistipulaw li huma kellhom jinbidlu fi *producers' organisation* u jekk dan

[42] *A fol.* 275 tal-proċess.

ma jsirx, il-grupp kellu jiġi xolt u l-flus li kien rċieva kellhom jintraddu lura lill-*Paying Agency.* Kien għalhekk li t-TQPG applika għal rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-produtturi, u ġie rikonoxxut bħali tali tant hu hekk li ngħata n-numru PO 7. Ix-xhud żied jgħid li dak iż-żmien kienet diġà nqalgħet il-problema dwar l-*outsourcing* meta kien sar *audit* fuq il-*Paying Agency* mill-*Internal Audit Investigation Department* (IAID). Minn dan l-*audit* kien irriżulta li l-*outsourcing* ma kinitx qed issir skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, u din il-proċedura ma setgħetx titkompla. Qal li huma bħala għaqda kienu lmentaw mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u mal-awtoritajiet governattivi, u dak iż-żmien kienu ngħataw assikurazzjoni li l-flus kienu ser jirċevuhom minn fond ieħor. Ix-xhud żied jgħid li kien f'dan iż-żmien li huma ġew rikonoxxuti bħala *producers' organisation* u kien intlaħaq ftehim mad-Dipartiment u mal-awtoritajiet governattivi li kellha tiġi reġistrata koperattiva li kellha tieħu fuqha l-kredituri tat-TQPG sabiex eventwalment t-TQPG jiġi xolt. Ix-xhud qal li l-koperattiva ngħatat l-isem ta' Ta' Qali Producers' Co-Operative Limited u ngħatat in-numru ta' reġistrazzjoni 114. Qal ukoll li f'dan iż-żmien, filwaqt li l-awtoritajiet governattivi kienu qegħdin jassikurawhom li kienu ser jitħallsu, fl-istess ħin il-*Paying Agency* kienet qiegħda titlob rifużjoni tal-flus imħallsa minnha. Ix-xhud qal li bħala għaqda huma fittxew parir indipendenti dwar il-validità tal-arranġament tal-*outsourcing,* u l-parir li ngħataw kien li dan l-arranġament kien wieħed leġittimu, u għalhekk kien jaqbel mal-parir li kien ta l-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward. Kompla jgħid li l-*Paying Agency,* minflok aċċettat li x-xogħol jitkompla b'dan il-mod, għażlet li tirrevoka r-rikonoxximent tal-*producer organisation* (PO7), u f'dan l-istadju nbeda l-proċess sabiex tinstab soluzzjoni mal-awtoritajiet governattivi. Ix-xhud qal li wara li l-organizzazzjoni għamlet applikazzjoni sabiex tkun tista' tibbenefika mill-

iskema *de minimis,* kien evidenti li kien hemm min mhux qiegħed jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex l-applikazzjoni timxi u l-organizzazzjoni tiġbor il-flus. F'dan il-kuntest qal li saru diversi laqgħat, saħansitra mal-Prim Ministru ta' dakinhar, fil-preżenza ta' għadd ta' uffiċjali governattivi, u bħala parti mis-soluzzjoni proposta, l-organizzazzjoni ntalbet tippreżenta kopja tal-*projections* finanzjarji tagħha. Peter Axisa qal li din kienet biss manuvra oħra biex ikompli jitwal il-proċess, iżda huma xorta waħda kienu għamlu dawn il-*projections*, u meta ppreżentawhom kienet saret laqgħa oħra fejn ġie spjegat li xorta waħda kien ser ikun hemm diffikultà biex il-flus jitħallsu minn fondi Ewropej, iżda li l-Gvern xorta waħda kien ser jara kif jagħmel biex il-flus jitħallsu minn sorsi oħra. Qal li dan wassal għall-ftehim li ntlaħaq fl-20 ta' Settembru, 2012. Ix-xhud żied jgħid li l-investigazzjoni li saret mill-IAID ma saritx fuq l-organizzazzjoni tal-produtturi iżda fuq il-*Paying Agency* tal-Gvern stess, u minkejja dan, Dr Christopher Ciantar, li dak iż-żmien kien Segretarju Permanenti, kien informa lill-għaqda li l-osservazzjonijiet li saru mill-IAID kellhom jiġu indirizzati, irrispettivament x'kien is-sors tal-problemi. Qal ukoll li dak iż-żmien id-Dipartiment tal-Agrikoltura kien assenja uffiċjal, ċertu Marco Dimech, sabiex jassisti fil-proċess biex issir il-bidla minn *group* għal *organisation,* għalkemm wara ftit dan l-istess uffiċjal ġie assenjat xogħol ieħor. Ix-xhud interpreta dak kollu li kien qiegħed isir bħala manuvri biex minflok jiġu regolarizzati l-affarijiet tal-*producers' group,* jiġi regolarizzat il-passat tal-*Paying Agency.* Ix-xhud qal li t-tneħħija tal-istatus ta' *producer organisation* wassal biex għas-snin 2011, 2012 u 2013, l-għaqda tilfet madwar €150,000 fi ħlasijiet li kienet intitolata għalihom kull sena. Żied jispjega li dak iż-żmien ittieħdet deċiżjoni li ma jinfetħux proċeduri legali minħabba li kienu ġew assigurati li l-Gvern xorta waħda kien ser isib il-finanzjament meħtieġ biex

iħallashom minn sorsi oħra. Ix-xhud qal li fil-bidu kien jidher li hemm rieda tajba mill-partijiet kollha sabiex isseħħ din il-*producer organisation,* u l-problemi bdew jinqalgħu wara li saret l-investigazzjoni mill-IAID fuq il-*Paying Agency.* Kienet l-IAID li stabbiliet li l-proċedura tal-*outsourcing* ma kinitx waħda regolari, u qal li kien hemm min ħaseb li l-aħjar soluzzjoni biex ma jsirux investigazzjonijiet minn barra kienet li t-TQPG jagħlaq il-bibien tiegħu. Qal li t-TQPG kien is-sors ta' għajxien ta' ħafna bdiewa, u minkejja li t-taħdidiet damu għaddejjin kważi sentejn, fl-aħħar is-soluzzjoni li ngħataw kienet li kellhom isegwu l-metodoloġija mfassla mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, sabiex ir-riżultat aħħari kien li jaslu fejn riedhom jaslu d-Dipartiment. Qal li kien intlaħaq ftehim li l-għaqda kellha titħallas, iżda l-Gvern ried li l-ewwel jiġi kkanċellat l-*producer group* u wara tinħoloq *producer organisation,* għalkemm sussegwentement il-Gvern aċċetta li seta' jinbeda l-proċess għat-twaqqif ta' *producers' organisation* mingħajr ma l-ewwel jiġi eliminat il-grupp ta' produtturi. Qal li kull parti kellha l-obbligi tagħha li bdew jiġu attwati, iżda f'daqqa waħda d-Dipartiment irtira mill-ftehim. Ix-xhud esebixxa dokumentazzjoni li turi x'tip ta' ftehim daħlu fih il-bdiewa li bdew jikkonsenjaw il-prodotti tagħhom il-Pitkalija sabiex il-ħlas dovut isir tramite l-kont bankarju tat-TQPG.[43]

L-atturi ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Sandra Axisa**[44], li qalet li għamlet żmien taħdem bħala assistenta tal-Kap Eżekuttiv tat-TQPG, u fost l-inkarigi tagħha, kienet tieħu ħsieb l-affarijiet kollha relatati ma' fondi mill-Unjoni Ewropea, u kienet tieħu ħsieb tikkomunika mal-*Paying Agency* u l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll kienet tamministra l-programm tal-kompjuter li kien

[43] *A fol.* 281 *et seq.* tal-proċess.
[44] *A fol.* 284 tal-proċess.

jikkoordina l-proċess ta' prodotti li jiġu mgħoddija mill-bdiewa lit-TQPG u l-ħlasijiet li dan kien jirċievi. Ix-xhud spjegat kif dan l-istess programm kien il-bażi tal-informazzjoni li kienet tintalab mill-*Paying Agency* kultant żmien. Kompliet tgħid li r-relazzjonijiet bejn t-TQPG u l-*Paying Agency* kienu tajbin ħafna, u l-komunikazzjoni bejniethom kienet waħda regolari, speċjalment minħabba li l-qafas li kellu jirregola l-produtturi kien wieħed ġdid għall-pajjiż, tant li l-partijiet kollha involuti kellhom ħafna x'jitgħallmu minn dak li kien qiegħed isir. Ix-xhud qalet li hi taf li kien hemm *audit* tal-*Paying Agency* mill-IAID u wara li sar dan l-*audit* inqalgħu għadd ta' diffikultajiet u l-flus li kellhom jitħallsu lit-TQPG baqgħu ma tħallsux. Qalet li hi kienet attendiet għadd ta' laqgħat minħabba f'dan l-*audit* fil-preżenza ta' Ministri tal-Gvern u uffiċjali governattivi. Qalet li waqt laqgħa minnhom, hi kienet enfasizzat li bħala għaqda huma kienu għamlu dak kollu mitlub minnhom sabiex ikunu konformi mal-proċeduri u mar-regoli, u Dr. Christopher Ciantar, dak iż-żmien Segretarju Permanenti, kien weġibha li l-Gvern kien jaf b'dan kollu u għalhekk kien ser jerfa' r-responsabbilità meħtieġa. Ix-xhud qalet li wara xi żmien kienet instabet soluzzjoni u l-Gvern kien għamel tajjeb għall-ħlasijiet dovuti lill-bdiewa, iżda l-għaqda ma rċevietx il-ħlasijiet li kienu dovuti lilha, u konsegwenza ta' dan l-għaqda ġiet f'pożizzjoni li ma setgħetx tibqa' topera, tant li hi tilfet l-impjieg, u ħalliet warajha djun li baqgħu ma tħallsux.

Fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2016 xehed **Brian Ferrante**[45], *accountant* li qal li fis-sena 2009 jew 2010 kien intalab mill-*employer* tiegħu sabiex iħejji *business plan* għat-TQPG, li kien ġie ppreżentat lill-*Paying Agency* ta' dak iż-żmien sabiex it-TQPG seta' jingħata assistenza finanzjarja. Qal li t-TQPG kien ġie

[45] *A fol.* 291 tal-proċess.

ffurmat bħala grupp ta' produtturi, stante li dak iż-żmien l-Unjoni Ewropea kienet tagħraf żewġ tipi ta' għaqdiet, jew grupp ta' produtturi jew organizzazzjoni ta' produtturi. Ix-xhud spjega li organizzazzjoni ta' produtturi kellha aktar regoli imposti fuqha. Qal li filwaqt li grupp ta' produtturi kellu anqas obbligi x'jissodisfa, kien hemm perijodu li fih kellu jagħmel l-arranġamenti amministrattivi neċessarji sabiex it-TQPG issir organizzazzjoni tal-produtturi. Ix-xhud spjega li l-għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea kien li din tagħti għajnuna finanzjarja sabiex il-prodott tal-bidwi jasal aktar qrib il-konsumatur mingħajr l-intervent tal-pitkal. Ix-xhud qal ukoll li l-għaqda bdiet topera anki permezz ta' għadd ta' ħwienet madwar il-pajjiż. Kompla jgħid li l-pjan kien li dan il-grupp ta' produtturi jirċievi għajnuna finanzjarja fuq medda ta' ħames snin, u żied jgħid li minkejja li dawn ħadu l-għajnuna finanzjarja għall-ewwel sena, għas-snin sussegwenti l-għajnuna dovuta ma tħallsitx lilhom. Ix-xhud spjega li kien hemm pjan ta' ħames snin, u fl-aħħar tas-sena kellu jingħata rendikont lill-*Paying Agency* sabiex din min-naħa tagħha tassigura li l-obbligi skont il-*business plan* kienu qegħdin jitwettqu. Ix-xhud qal li f'sena minnhom ingħata rendikont ta' x'kien sar u l-*Paying Agency* kienet qalet li dak li kien ġie ppreżentat mit-TQPG ma kienx tajjeb. Qal li waħda mill-problemi kienet li minkejja li t-TQPG kienet qiegħda topera bħala grupp ta' produtturi, u għalhekk kellha anqas obbligi x'tissodisfa, din kienet qiegħda tiġi evalwata daqslikieku kienet organizzazzjoni ta' produtturi. Ix-xhud ikkonferma wkoll li f'punt minnhom kien ġie stabbilit li kull bidwi individwali kellu numru ta' identità li kien jitħallas bih, u jekk il-bidwi jindika l-*code* mogħti lilu, dak kien ifisser li hu kien qiegħed ibiegħ f'isem l-organizzazzjoni, u l-flus dovuti kienu jidħlu direttament fil-kont tal-grupp ta' produtturi.

Fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2016 xehed il-**PL Quentin Tanti**[46], li qal li meta kien jaħdem mal-uffiċċju legali Antonio Tufigno & Associates, it-TQPG kien klijent tal-uffiċċju tagħhom minħabba fi problemi legali varji li dan il-grupp kien qiegħed jaffaċċja minn żmien għal żmien. Ix-xhud qal li wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, kien hemm moviment li beda jħajjar lill-bdiewa jingħaqdu sabiex il-prodott tagħhom ikun jista' jinbiegħ direttament lill-konsumatur, għalkemm qal li dan il-proċess sab ħafna reżistenza mill-pitkala. Ix-xhud qal li minkejja li fil-bidu kien hemm il-ħtieġa ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea biex seta' jirnexxi dan il-proġett, wara xi żmien it-TQPG kienet waslet biex tqum fuq saqajha u tkun vijabbli mingħajr il-ħtieġa ta' din l-għajnuna. Ix-xhud qal li kienet inqalgħet problema minħabba fil-*value of marketed production,* u għalhekk kien hemm fondi li bdew jitħallsu b'mod tardiv, u dan kollu ħarbat il-*projections* ta' dan il-proġett. Qal li kien hemm istanza fejn xi ħadd deherlu li kellu jibgħat il-fondi li waslu mill-Unjoni Ewropea lura, minħabba li dawn ma kinux dovuti lit-TQPG, u għalhekk baqgħu ma tħallsux. Qal li kien hemm uffiċjali governattivi li fil-prinċipju kienu jaqblu li dawn il-fondi għandhom jitħallsu lit-TQPG, iżda li bdew jinsistu li sabiex jitħallsu dawn il-flejjes, l-ewwel kellu jiġi eliminat il-grupp ta' produtturi. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li mad-dħul tal-pajjiż fl-Unjoni Ewropea kien hawn sentiment sabiex jiġu ffurmati diversi gruppi ta' produtturi, u eventwalment sabiex dawn isiru organizzazzjonijiet, lejn tmiem il-ħames snin is-sentiment kien wieħed biered, tant li ħafna minnhom bdew jingħalqu. Qal li minkejja li l-Gvern beda jinsisti li l-grupp ta' produtturi kellu jibda proċeduri ta' stralċ sabiex effettivament ma jibqax jeżisti, it-TQPG irreżista din l-idea minħabba l-biżgħa li jekk il-flus dovuti ma jitħallsux kif miftiehem, dan kien ser jiffaċċja

[46] *A fol.* 295 tal-proċess.

diffikultajiet biex jiġbor dawk il-flejjes jekk ma jkunx għadu jgawdi minn personalità ġuridika. Ix-xhud qal li minkejja li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar dan, it-TQPG bdiet il-proċess sabiex tiġi rreġistrata bħala koperattiva, u min-naħa tal-Gvern kien inbeda l-proċess sabiex minkejja li l-finanzjament li wasal mill-Unjoni Ewropea kien intbagħat lura, il-fondi dovuti lit-TQPG jitħallsu sabiex dan ikun jista' jħallas il-pagi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-kredituri. Ix-xhud qal li kienu saru għadd ta' laqgħat mal-bdiewa, li diversi minnhom bdew iħossu li l-Gvern ma kienx żammx kelmtu magħhom, u ma ridux jistennew aktar biex jitħallsu dak dovut lilhom. Qal li din is-sitwazzjoni wasslet biex uħud mill-membri bdew jitilqu mill-grupp. Ix-xhud ma setax jikkonferma jekk il-bdiewa tħallsux, jew jekk tħallsux kollha. Ix-xhud esebixxa korrispondenza permezz ta' *email* li tikkonferma dak li xehed dwaru fid-depożizzjoni tiegħu.[47]

Fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2016 xehed l-awditur **Sandro Grech**[48], li qal li hu kien l-awditur tat-TQPG, u kien għamel l-*audit* tagħhom għal perijodu ta' tliet snin. Qal li f'punt minnhom issospenda l-*audits* minħabba li nqalgħet kwistjoni dwar l-għotjiet finanzjarji, iżda għal xi sentejn wara xorta waħda baqa' jgħin lill-grupp isolvi l-kwistjonijiet li kellu. Ix-xhud spjega li l-grupp beda bħala għaqda tal-bdiewa li kienu kommessi li jgħaddu l-prodott kollu tagħhom lill-grupp sabiex il-prodott jinbiegħ għan-nom tagħhom. Qal li kellhom inċentivi sabiex ma jdaħħlux xogħol il-Pitkalija, u minflok jikkonsenjaw kollox lill-grupp. Qal li sabiex dan il-proġett jirnexxi, kien hemm dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea, u l-pjan oriġinali kien li l-flus li jinġabru permezz tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea kellhom jingħataw lura lill-

[47] *A fol.* 301 *et seq.* tal-proċess.
[48] *A fol.* 311 tal-proċess.

bdiewa bħala sussidju, sabiex dawn ikunu aktar indipendenti. Spjega li waħda mill-problemi ewlenin kienet li l-grupp kien qiegħed jistenna ċertu finanzjament li baqa' ma ngħatax, u dak iż-żmien kien ovvju li mingħajr din l-għajnuna finanzjarja, il-grupp ma kienx vijabbli. Qal li waqt il-laqgħat li kienu saru ma' uffiċjali governattivi, hu kien ippreżenta *business plan* dettaljat dwar il-mod kif kellu jaħdem il-grupp, u wera l-*projections* finanzjarji kemm bl-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll mingħajrha. Ix-xhud żied jgħid li l-*business plan* mħejji minnu kien jindika li wara numru ta' snin dan il-grupp kellu jqum fuq saqajh, u dwar il-*projections* kien hemm qbil anki min-naħa tal-*accountant* tal-Ministeru tal-Finanzi. Ix-xhud qal li l-grupp kien falla minħabba li ma ngħatax l-għajnuna finanzjarja kif proġettat, u ċ-*charges* minimi li kienu qed jintalbu mingħand il-bdiewa ma kinux biżżejjed għall-ispejjeż tal-operat. Qal li quddiem din is-sitwazzjoni xorta waħda kien jidher li hemm rieda tajba u li l-affarijiet setgħu jimxu 'l quddiem, iżda kien hemm xi bdiewa li ma ridux jibqgħu fil-grupp, u għalhekk il-proġett kien fi stat li ma setax ikompli. Ix-xhud qal li s-soluzzjoni proposta mill-Gvern kienet li kellha tinħoloq koperattiva wara li jiġi stralċjat il-grupp ta' produtturi, u l-Gvern kien ikkommetta ruħu li jħallas lill-bdiewa wara li tinħoloq il-koperattiva. Ix-xhud spjega li koperattiva topera f'qafas regolat u kkontrollat anki mil-lat legali, filwaqt li meta ġie biex jitwaqqaf il-grupp ta' produtturi ġie stabbilit li kien hemm diversi nuqqasijiet proċedurali u amministrattivi minħabba li ma kienx hawn l-għarfien neċessarju dwar kif dawn il-gruppi kellhom jaħdmu. Kompla jgħid li min-naħa tal-awtoritajiet kien hemm talba biex l-għotjiet finanzjarji li laħqu tħallsu lill-grupp jinġabru lura. Ix-xhud spjega li l-grupp baqa' jopera minkejja li kienu twaqqfu l-għotjiet finanzjarji, u l-waqfien ta' dawn l-għotjiet finanzjarji wassal biex il-grupp spiċċa fi stat ta' falliment.

L-atturi ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Dr Christopher Ciantar**[49], li qal li sa Marzu tas-sena 2013 kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Ix-xhud qal li dak iż-żmien is-settur tal-agrikoltura kien qiegħed jiffaċċja diversi sfidi u tibdiliet minħabba d-dħul tal-pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Qal li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u żied jgħid li kienet inqalgħet problema mat-Ta' Qali Producers Group li wasslet għal diversi diskussjonijiet bil-għan li tinstab soluzzjoni. Qal li bħala parti mir-ristrutturar meħtieġ wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, kien ġie suġġerit lill-bdiewa li jkun aħjar jekk dawn jingħaqdu fi gruppi ta' produtturi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn fondi strutturali. Ix-xhud qal li waħda mill-problemi li dan il-grupp beda jiffaċċja minn qabel beda jopera, kienet li l-grupp ma setax jilqa' l-prodotti tal-membri kollha tiegħu mill-ewwel ġurnata minħabba problemi loġistiċi, u għalhekk intalbet l-għajnuna tad-Dipartiment sabiex din il-problema tiġi sorvolata. Kien hawnhekk li ġie suġġerit li wħud mill-prodotti tal-grupp jibdew jinbiegħu mill-Pitkalija permezz ta' proċess li kien jissejjaħ *outsourcing of produce* u din il-miżura kienet maħsuba li tkun waħda temporanja. Żied jgħid li f'dan il-perijodu t-TQPG kien qiegħed jirċievi fondi mill-UE kif ukoll mingħand il-Gvern Malti. Ix-xhud qal li f'xi żmien kien sar *audit* mill-IAID dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropea minħabba li nqagħlet problema li l-*outsourcing* ma kienx permissibbli skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea. Qal li minkejja li hu kien xettiku dwar jekk dan l-argument kienx korrett jew le, kien ċar għal kulħadd li l-fondi mill-UE setgħu kienu f'riskju, u għalhekk il-fondi li kienu tħallsu lit-TQPG kellhom jiġi rkuprati, filwaqt li fondi oħra li kien hemm il-ħsieb li jitħallsu lilhom, ma setgħux jitħallsu. Ix-xhud qal li f'dan l-istess audit kienu ġew sollevati numru

---

[49] *A fol.* 319 tal-proċess.

ta' problemi oħrajn u l-fondi lit-TQPG kienu twaqqfu. Żied jgħid li wara li sar dan l-*audit,* it-TQPG kienet intalbet tirregolarizza l-affarijiet tagħha sabiex tkun tista' topera skont il-liġijiet Maltin u r-regoli Ewropej. Ix-xhud qal ukoll li l-Gvern kien ħa d-deċiżjoni li sakemm t-TQPG tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, u tikkonforma mar-rapport tal-IAID, il-Gvern kien ser jgħin sal-massimu permissibbli, tant hu hekk li kienu saru diversi laqgħat sabiex jintlaħaq dan l-għan. Qal li kien intlaħaq qbil li t-TQPG tifforma koperattiva ġdida, li l-kredituri tat-TQPG jiġu ttrasferiti lill-koperattiva l-ġdida, u li l-Gvern iħallas lill-bdiewa dak dovut lilhom, flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, filwaqt li jinħafru t-taxxi dovuti. Qal ukoll li l-ftehim li ntlaħaq kien ikopri arranġament sabiex il-koperattiva l-ġdida tkompli topera mill-istess fond fejn kienet qiegħda topera t-TQPG u din l-għajnuna li kienet sejra tingħata kienet permissibbli skont ir-regoli tal-għajnuna *de minimis.* Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim kien intlaħaq u li l-Gvern kien diġà beda jimplimentah, filwaqt li l-approvazzjonijiet meħtieġa kienu nġabu wkoll. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu ma jafx għalfejn il-ftehim ma twettaqx fl-intier tiegħu.

L-atturi ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Dr Lawrence Gonzi**, li bejn Mejju tal-2004 u Marzu tas-sena 2013 kien Prim Ministru[50], li ntalab jixhed dwar id-diskussjonijiet li ħa sehem fihom rigward id-diffikultajiet li kellha tiffaċċja t-TQPG. Ix-xhud qal li meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, il-qasam tal-agrikoltura kien wieħed li ngħata ħafna attenzjoni u kien jirċievi ħafna sussidji mill-Unjoni Ewropea. Qal li l-pajjiż kien jaf li l-bdiewa lokali riedu jinvestu u jagħmlu ristrutturar kbir, u għal dan il-għan kien hemm ir-rieda li dawn jiġu megħjuna kemm jista' jkun mill-awtoritajiet governattivi. Qal ukoll li l-Gvern

[50] *A fol.* 321 tal-proċess.

ried li kemm jista' jkun il-bdiewa jingħaqdu sabiex ikunu jisgħu jikkompetu b'mod organizzat u jkunu jistgħu jilqgħu għall-kompetizzjoni li kienu ser jiffaċċjaw minn barra b'riżultat tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Ix-xhud qal li l-Gvern kien jemmen fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-agrikoltura, u hu jaf li l-grupp TQPG ħadem għal numru ta' snin u bbenefika wkoll minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Ix-xhud ikkonferma li hu tkellem diversi drabi ma' Peter Axisa u kkorrisponda miegħu għal xhur sħaħ. Qal li jaf li l-IAID kienet investigat lill-*Paying Agency* tal-Gvern, u minn hemm kien ġie stabbilit li xi proċeduri segwiti mit-TQPG setgħu ma kinux konformi mar-regoli tal-finanzjament tal-UE, u kien hemm il-ħtieġa li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Ix-xhud qal li hu kien ġie infurmat li d-Dipartiment kien jaf li d-direzzjoni li kien ta lit-TQPG setgħet kienet miftuħa għall-interpretazzjoni u għalhekk l-IAID seta' ma qabilx ma' din l-interpretazzjoni. Qal li in vista ta' dawn id-dubji, id-Dipartiment tal-Agrikoltura fittex soluzzjoni li tkun ġusta u fl-interess ta' kulħadd. Qal li hu ħass li l-Gvern kellu jintervjeni sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata, u dan minħabba li mhux biss l-eżistenza tal-grupp kienet ipperikolata, iżda wkoll l-għajxien ta' ħafna bdiewa u terzi li l-għajxien tagħhom kien jiddependi fuq is-soluzzjoni li setgħet tintlaħaq bejn il-partijiet f'dak l-istadju. Ix-xhud qal li l-ftehim li kien intlaħaq kien suġġett għal għadd ta' kundizzjonijiet, u l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim kienet inbdiet anki għax jaf li l-bdiewa kienu tħallsu b'riżultat ta' dan il-ftehim, u kienet anki ġiet iffurmata l-koperattiva l-ġdida. Qal li l-għan aħħari kien li tinqata' linja b'mod li t-TQPG bħala għaqda tal-produtturi tkun separata mit-TQPC bħala koperattiva, u għalhekk kien ġie deċiż li t-TQPG kellu jiġi likwidat, sabiex ikun hemm distakk minn dak li kien ġara fil-passat, u ma jkun hemm l-ebda konnessjoni bejn l-entità l-qadima u dik ġdida. Ix-xhud żied jgħid li din il-proposta ma kinitx intlaqgħet mill-ewwel

mill-membri tat-TQPG għaliex dawn kienu qegħdin jibżgħu li l-ftehim ma jseħħx u li t-TQPG jiġi stralċjat qabel ma huma jkunu tħallsu dak dovut lilhom. Qal li fl-aħħar intlaħaq kompromess li permezz tiegħu t-TQPG kellu jippreżenta evidenza li l-proċess għal-likwidazzjoni tat-TQPG kien beda b'mod uffiċjali b'riżoluzzjoni tal-membri, sabiex il-Gvern seta' jipproċedi biex iħallas lill-bdiewa. Żied jgħid li waħda mill-kundizzjonijiet biex dak maqbul seta' jitmexxa 'l quddiem kienet li l-kredituri tat-TQPG jagħtu *waiver* tal-*claims* li kellhom kontra t-TQPG, u li hekk kif isir dan il-Gvern iħallas lill-bdiewa dak dovut lilhom, kif ukoll jirrinunzja għat-taxxa dovuta lill-Gvern u jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti. Hekk kif isir dan, il-bdiewa kellhom jassoċjaw ruħhom mat-Ta' Qali Producers Cooperative Limited. Ix-xhud qal ukoll li dan il-ftehim kien ifisser li malli tiġi ffurmata l-koperattiva l-ġdida, din kellha tirċievi fondi skont dak li kien permissibbli bir-regoli tad-*de minimis* sabiex tiġi megħjuna bil-krediti tagħha li minkejja li ġew *waived* kontra t-TQPG xorta jitħallsu mill-koperattiva l-ġdida mill-profitti ġenerati bl-operazzjoni kummerċjali tagħha. Ix-xhud qal li sakemm kien għadu fil-kariga hu, din il-kwistjoni kienet għadha ma ġietx riżolta.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2016 reġa' xehed **Brian Ferrante**[51], li qal li l-*Paying Agency* kienet titlob l-informazzjoni b'mod kontinwu, u din l-informazzjoni kienet tingħata. Ix-xhud qal li sakemm dam involut hu, l-entitajiet governattivi bdew jagħmlu minn kollox sabiex ma jagħtux lit-TQPG dak li kien ħaqqu, u jevitaw l-obbligi li kellhom fil-konfront tat-TQPG. Qal li fl-aħħar mill-aħħar il-problema kienet li t-TQPG ma kellux fondi biżżejjed, u għalhekk ma setax ikompli jopera. Spjega wkoll li qabel feġġew dawn il-problemi, it-TQPG kien qiegħed jirċievi l-fondi mill-MRAE, li dak iż-żmien

[51] *A fol.* 326 tal-proċess.

kienet tamministra l-fondi tal-Unjoni Ewropea u kienet tiffunzjona bħala *Paying Agency.* Qal li t-TQPG kien intalab iħejji rapport dwar il-ħidma tiegħu, minħabba li l-programm ta' ħlas ta' fondi kien operattiv għal perijodu ta' ħames snin, u minkejja li l-fondi tħallsu għall-ewwel sena, il-fondi ma baqgħux jitħallsu għas-snin sussegwenti.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-6 ta' Marzu, 2017, l-atturi ppreżentaw prospett tad-danni[52], minn fejn jirriżulta li l-pretensjoni tagħhom hija għall-ħlas tad-danni fis-somma ta' €654,000, flimkien ma' dokumentazzjoni oħra, fosthom korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet, kopja tal-*istatements* finanzjarji tat-TQPG għas-snin 2008[53], 2009[54], 2010[55], u kopja tal-*projections* finanzjarji tat-TQPG għas-snin 2011 sa 2015.[56]

Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017, sar il-kontroeżami tal-attur **Peter Axisa[57],** li qal li *on paper* hu għadu indikat bħala *chief executive officer* tat-TQPG, għalkemm qal ukoll li bħala entità huma m'għadhomx joperaw. Qal ukoll li t-TQPG m'għandux *premises* minn fejn jista' jiffunzjona, u lanqas m'għandu membri. Ix-xhud qal li l-bdiewa kollha li kienu membri qabel waqaf jopera t-TQPG għadhom jidhru li huma membri. Ix-xhud spjega li oriġinarjament it-TQPG beda jopera bħala *producers' group,* u kien ġie ffurmat minn numru ta' bdiewa bħala membri tiegħu, u li l-iskop prinċipali ta' dan il-grupp kien li jieħu għajnuna mill-Unjoni Ewropea sabiex jagħmel *marketing* tal-prodotti tal-membri tiegħu, u jkun jista' jbiegħhom direttament. Ix-xhud żied jgħid li għal

[52] *A fol.* 335 tal-proċess.
[53] *A fol.* 344 *et seq.* tal-proċess.
[54] *A fol.* 362 *et seq.* tal-proċess.
[55] *A fol.* 380 *et seq.* tal-proċess.
[56] *A fol.* 403 *et seq.* tal-proċess.
[57] A fol. 453 tal-proċess.

dan il-għan it-TQPG kien fetaħ numru ta' ħwienet u anki kien ħa f'idejh t-tmexxija tas-sezzjoni tal-frott u l-ħaxix f'xi *supermarkets* u dan l-arranġament kien sejjer tajjeb ħafna. Qal li l-proġett falla meta l-għaqda kellha tieħu xi flus mingħand il-Gvern, u l-Gvern irrifjuta li jħallas dawn il-flejjes. Ix-xhud spjega li sa mill-bidu nett tiegħu, il-proġett ma setax ikun vijabbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tal-Gvern, u huma kienu qegħdin joperaw *"on a very tight budget."* Qal li l-għan tal-proġett kien li jingħata servizz u mhux li l-għaqda taqla' l-flus, u spjega li meta l-flus imwiegħda lilhom baqgħu ma tħallsux, l-għaqda bdiet tiekol minn ġewwa biex tħallas il-pagi u l-ispejjeż amministrattivi. Żied jgħid li l-finanzjament li kellu jagħti l-Gvern kien intiż ukoll għall-*operating costs* tal-organizzazzjoni. Ix-xhud qal li l-għajnuna *de minimis* li kellha tingħata kienet tikkwalifika bħala *state aid* u għalhekk kien hemm regoli tal-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu oservati. Qal li fl-ewwel ġurnata tal-operat tat-TQPG kien hemm mas-87 bidwi li ħadu l-prodotti tagħhom għand it-TQPG, filwaqt li bdiewa oħrajn baqgħu jdaħħlu x-xogħol tagħhom il-Pitkalija. Qal li filwaqt li l-pitkala kienu jieħdu kummissjoni ta' madwar 12 jew 13%, it-TQPG kienet tieħu kummissjoni ta' 5.7%. Ix-xhud spjega li s-sistema li kellha titħaddem fil-bidu, anki minħabba li t-TQPG ma kellux xerrejja jew postijiet minn fejn jopera, kienet li l-bdiewa kellhom idaħħlu l-prodotti kollha tagħhom il-Pitkalija f'isem it-Ta' Qali Producer Group, flimkien ma' dikjarazzjoni li l-flus li kellhom jieħdu fl-aħħar tax-xahar tax-xogħol li kienu qegħdin idaħħlu l-Pitkalija jidħlu fil-kont bankarju tat-Ta' Qali Producer Group. Qal li wara li kien hemm dan l-arranġament li beda wkoll jitħaddem, saret l-investigazzjoni tal-IAID li l-eżitu tagħha kien li din is-sistema ma kinitx tajba stante li ma kinitx tirrispekkja id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea applikabbli. Ix-xhud żied jgħid li l-bank kellu struzzjonijiet mingħand il-bord tat-TQPG sabiex il-flus

imħallsa mill-Gvern jitħallsu direttament lill-bdiewa mingħajr ma jitnaqqsilhom xejn. Ix-xhud qal li s-sistema tant bdiet taħdem b'mod tajjeb, li fi ftit żmien in-numru ta' bdiewa żdied konsiderevolment, u kien hemm ukoll għadd ta' bdiewa li ma bdew jikkonsenjaw xejn lill-Pitkalija u bdew idaħħlu kollox tramite it-TQPG. Ix-xhud ikkonferma li sabiex jiġi stabbilit il-VMP, kienu jingħaddu kemm il-prodotti li jinbiegħu mit-TQPG, kif ukoll dawk li kienu qegħdin jiddaħħlu l-Pitkalija. Ix-xhud qal li kienu l-pitkala li rreżistew dan l-arranġament. Dwar il-€200,000 *de minimis aid,* ix-xhud qal li hu kien ġie mwiegħed li dak l-ammont it-TQPG kienet ser tieħdu żgur, għalkemm hu kien jaf li dan kien suġġett għall-approvazzjonijiet neċessarji. Qal li l-ewwel ma ntalbu kienu l-*projections,* u mid-diskussjonijiet li kien hemm hu ngħata l-impressjoni li dawn il-flus kienu ser jingħataw lilhom basta jsiru l-*projections.* Qal li meta t-TQPG beda jopera fl-2007, ma kienx għad hemm *ruling* min-naħa tal-Avukat Ġenerali li l-*outsourcing* kien permissibbli, iżda kien hemm awtorizzazzjoni biex dan isir u l-flejjes imwiegħda lill-atturi kienu tħallsu.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' April, 2017, l-atturi ppreżentaw lista tal-membri tat-TQPG[58], *email* u dokument dwar it-tħaddim tas-sistema ta' għajnuna *de minimis*[59], lista tal-membri tal-bord tat-TQPG qabel ma waqaf jopera l-grupp[60], u *statement* maħruġ mill-bank APS li juri d-dħul tal-flus tal-membri mingħand id-Direttur tal-Agrikoltura għall-bejgħ tal-prodotti li ddaħħlu l-Pitkalija, u l-ħlas li sar lill-bdiewa mit-TQPG.[61]

[58] *A fol.* 463 tal-proċess.
[59] *A fol.* 467 tal-proċess.
[60] *A fol.* 469 tal-proċess.
[61] *A fol.* 470 *et seq.* tal-proċess.

Il-kontroeżami ta' **Peter Axisa** tkompla fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017[62], fejn qal li hu kien irċieva *email* mingħand ċertu Dr Mario Dimech fejn kien ġie infurmat li kien hemm dokumentazzjoni nieqsa mal-inkartament ippreżentat mit-TQPG għall-approvazzjoni. Żied jgħid li hekk kif ġie infurmat li kien hemm dokumentazzjoni nieqsa, kien ippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba minnu, għalkemm żied jgħid li hu kien ġie infurmat dwar id-dokumentazzjoni nieqsa wara li kien skada ż-żmien għall-approvazzjoni tal-applikazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li r-rikonoxximent oriġinali tat-TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi kien kundizzjonat għal perijodu ta' sena, u fit-tieni sena r-rikonoxximent ma ngħatax minħabba fil-problema tal-*outsourcing.* Ix-xhud ikkonferma li għall-bidu li kien beda jopera t-TQPG, dan ingħata mhux biss assistenza finanzjarja, iżda kienu tpoġġew ukoll għad-dispożizzjoni tiegħu uffiċjali pubbliċi sabiex jgħinuh jieqaf fuq saqajh. Ix-xhud qal li t-TQPG dejjem ikkontesta l-problema li nqalgħet minħabba l-*outsourcing,* iżda żied jgħid li xorta waħda kienu aċċettaw li jibqgħu għaddejjin bl-operat tagħhom sakemm ittieħdet id-deċiżjoni li minflok organizzazzjoni tal-produtturi tiġi mwaqqfa koperattiva. Qal ukoll li huma rreżistew l-idea li l-ewwel jagħlqu l-organizzazzjoni u wara jiġu rikonoxxuti bħala koperattiva sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-flus dovuti mwiegħda lilhom mill-Gvern. Sabiex jispjega l-mod kif ġew affettwati l-membri tal-organizzazzjoni bid-diffikultajiet li bdew jinqalgħu, ix-xhud qal li minn bejgħ ta' madwar €100,000 fix-xahar, l-organizzazzjoni bdiet tirreġistra bejgħ fl-ammont ta' madwar €6,000 fix-xahar. Ix-xhud spjega li fil-ħwienet tal-organizzazzjoni kollox kien indikat u dokumentat bħala prodott lokali jew bħala prodott impurtat. Ix-xhud spjega li t-TQPG kienet tixtri prodotti mingħand il-*wholesalers* lokali li ma setgħux jinxtraw mingħand

[62] *A fol.* 476 tal-proċess.

produtturi lokali, u bħal pereżempju t-tuffieħ u l-banana, li huma prodotti li ma jitkabbrux mill-bdiewa lokali.

L-attur **Peter Axisa** kompla jixhed fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2017 fejn jippreżenta għadd ta' dokumenti[63], fosthom ittra li kitiblu Mario Dimech fl-10 ta' Diċembru, 2010, fejn kien infurmah li l-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent ma setgħetx tiġi pproċessata ulterjorment għax kien hemm xi dokumentazzjoni nieqsa[64], flimkien ma' kopja tal-*email* li permezz tagħha x-xhud kien ilmenta mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien dwar il-fatt li hu ma kienx ġiex infurmat fil-ħin dwar id-dokumentazzjoni li kien hemm nieqsa. Ix-xhud żied jgħid li oriġinarjament l-organizzazzjoni ngħatat rikonoxximent kundizzjonat u mhux rikonoxximent sħiħ, u dak iż-żmien huma kienu ġew imwissija li jekk ma jimxux b'konformità mal-liġiet Ewropej, setgħu jintalbu jirrifondu l-flejjes li kienu diġà tħallsu lilhom. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien id-Direttur tal-Agrikoltura u mhux il-*Paying Agency* li rrevoka r-rikonoxximent. Għad-domanda li saritlu dwar ir-raġuni għalfejn l-irtirar tar-rikonoxximent ma ġiex ikkontestat, ix-xhud qal li hu kien ġie infurmat li ma kellux għalfejn jikkontesta din id-deċiżjoni minħabba li l-Gvern xorta waħda kien ser jassigura li jkun hemm arranġament mod ieħor.

Fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017 reġa' xehed l-**Inġinier Christopher Ciantar**[65], li qal li meta hu kien Segretarju Permanenti kien ikollu diversi diskussjonijiet ma' Peter Axisa. Qal li l-Gvern dak iż-żmien ried jinkoraġġixxi lill-bdiewa jissieħbu f'organizzazzjonijiet tal-produtturi. Qal li problema ewlenija li kienet inqalgħet kienet minħabba li l-IAID ma kienx qiegħed jaqbel mad-direzzjoni mogħtija

[63] *A fol.* 494 tal-proċess.
[64] *A fol.* 498 tal-proċess.
[65] *A fol.* 511 tal-proċess.

mill-Ministeru, li abbażi tagħha l-bdiewa kienu ngħataw għajnuna finanzjarja. Ix-xhud qal li dik id-deċiżjoni kienet ittieħdet qabel hu daħal fil-kariga, iżda hu kien mexa ma' dak li sab, sakemm imbagħad l-IAID kien wera nuqqas ta' qbil ma' dik id-deċiżjoni. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm *recognition plan* li l-għaqda tal-bdiewa riedet timxi miegħu u dan il-pjan ma kienx ġie adottat kompletament u ħafna mill-miri baqgħu ma ntlaħqux. Ix-xhud ikkonferma li l-problema ewlenija li nqalgħet kienet fir-rigward tal-*outsourcing*, u s-soluzzjoni li kienet instabet kienet taħt ir-regoli tal-għajnuna *de minimis* biex il-bdiewa setgħu jitħallsu tal-prodott li kienu jikkonsenjaw lill-organizzazzjoni tal-produtturi permezz tal-Pitkalija u li kienu għadhom ma tħallsux tiegħu. B'riferiment għal ittra mibgħuta mill-uffiċċju legali tal-Ministeru fiż-żmien meta x-xhud kien għadu Segretarju Permanenti, fejn it-TQPG ntalab jirrifondi lura l-flejjes li kienu tħallsu lilu, ix-xhud qal li hu m'għandux konoxxenza tal-kontenut ta' dik l-ittra. Din l-ittra bid-data tas-6 ta' Marzu, 2013 fejn it-TQPG ntalab jirrifondi lura l-ammont ta' €374,835.06, ġiet esebita mill-konvenuti permezz ta' nota.[66]

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 xehed il-**PL Quentin Tanti**[67], li ntalab jispjega jekk kienx il-każ li Peter Axisa ntalab jikkoreġi l-*value of marketed production* (VMP) minħabba li dak sottomess minnu ma kienx konformi mal-liġi Ewropea, iżda x-xhud wieġeb li hu m'għandux tagħrif dwar dan. Ix-xhud qal li waħda mill-problemi ewlenin li ffaċċja it-TQPG kienet dwar il-kwistjoni tal-*outsourcing,* u spjega li kien hemm ammont ta' prodotti li kien qiegħed jinbiegħ mill-Pitkalija. Qal li b'differenza minn prodotti oħrajn, dan il-prodott ried ikun imkabbar jew maqtugħ jew miġbur mill-uċuħ tar-raba' tal-produtturi

[66] *A fol.* 527 tal-proċess.
[67] *A fol.* 546 tal-proċess.

tal-grupp, u ried jinbiegħ qabel jeħżien. Ix-xhud ikkonferma li minkejja d-diskussjonijiet li saru fir-rigward, baqa' qatt ma ntlaħaq qbil dwar jekk għandhiex tinbidel l-interpretazzjoni mogħtija tal-VMP.

Fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Sandra Axisa**[68], li qalet li hi kienet impjegata mat-TQPG għall-perijodu bejn Novembru tal-2004 sa Frar tal-2013. Ix-xhud intalbet tispjega l-istruttura tal-bord tad-diretturi tat-TQPG kif kienet taħdem, u żiedet tgħid li l-membri tal-organizzazzjoni huma l-bdiewa stess. Qalet li kemm damet hi fil-kariga, kienet tieħu l-ordnijiet mingħand il-bord, u hija kienet tieħu ħsieb ir-*rosters* tal-ħwienet u tal-impjegati li kien hemm fihom, il-fondi tal-Unjoni Ewropea u l-VMPs, u kienet tieħu ħsieb ukoll il-pagi. Ix-xhud qalet li hi kienet attendiet għal laqgħa li preżenti għaliha kien hemm Dr Christopher Ciantar, li kien wiegħed li l-Gvern kien ser jerfa' r-responsabbiltà għall-akkadut. Ix-xhud ikkonfermat li hi kienet tieħu salarju mill-organizzazzjoni, u qalet li l-aħħar darba li ħadet salarju kien fl-2012, għaliex imbagħad il-Gvern kien iddeċieda li ma jħallashomx aktar fondi. Ix-xhud qalet li hi għad baqgħalha tieħu madwar €15,000 f'salarji mill-organizzazzjoni li hi ma tħallsitx tagħhom.

Fl-udjenza tat-23 ta' April, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Sandro Grech**[69], fejn sarlu riferiment għall-*projections* finanzjarji mħejjija minnu għas-snin 2011 sa 2015. Ix-xhud qal li dawn mhumiex *accounts* fattwali, u l-*projections* inbnew abbażi ta' dak li seħħ fil-passat b'ħarsa lejn il-futur. Qal li f'dawn il-*projections* hu kien qed jistma ħlas ta' €150,000 li kellu jsir lit-TQPG, u dan l-ammont kien ġie kkalkulat fuq l-ammont ta' tranżazzjonijiet li kienu saru minħabba li l-

[68] *A fol.* 552 tal-proċess.
[69] *A fol.* 568 tal-proċess.

applikazzjoni għall-fondi kellha ssir lill-Unjoni Ewropea. Qal li r-rata tal-fondi kienet tinħadem abbażi tal-produzzjoni li jdaħħlu l-bdiewa.

Il-konvenuti ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Bjorn Callus**[70], li qal li bejn April tal-2011 u April tal-2015 huwa kien jokkupa r-rwol ta' *senior manager* inkarigat mill-*Market Mechanisms Unit* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli fi ħdan id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali. Ix-xhud qal li f'dak ir-rwol hu kien responsabbli għall-ħlasijiet tal-fondi Ewropej lill-għaqdiet tal-produtturi jew lill-gruppi ta' produtturi fil-qasam tal-frott u l-ħxejjex. Qal li l-Aġenzija tintalab tagħmel verifiki mad-Direttorat tal-Agrikoltura bħala l-Awtorità Kompetenti, li l-organizzazzjoni jew il-grupp ikunu qegħdin iżommu mal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent tagħhom, u kienet titlob rimborż tal-*value of marketed production* (VMP) skont il-bejgħ eliġibbli tagħha. Ix-xhud qal li l-infiq kien isir abbażi tal-Programm Operattiv approvat jew abbażi tal-pjan ta' rikonoxximent. Qal li wara li sar *audit* mill-IAID fl-2010, kellhom isiru għadd ta' verifiki mill-ġdid u eżerċizzju ta' *reperformance* dwar il-fondi dovuti lil dawn l-għaqdiet u gruppi, fosthom it-TQPG, partikolarment minħabba li parti sostanzjali tal-bejgħ kien qiegħed isir taħt l-hekk imsejjaħ *outsourcing agreement.* Ix-xhud spjega kif kellu jaħdem l-*outsourcing* skont ir-Regolament Ewropew applikabbli (KE 543/2011) billi l-ġabra tal-prodott u t-tqegħid fis-suq isiru permezz tal-*outsourcing* taħt ċerti kundizzjonijiet. Ix-xhud qal li fil-każ tat-TQPG l-arranġament kien li numru ta' bdiewa bdew jieħdu l-prodotti tagħhom għand pitkala oħrajn fil-pitkalija bħalma dejjem għamlu, u dan jinbiegħ f'isimhom bl-irkant mill-pitkal, u abbażi ta' dan it-TQPG kien jagħmel talba għal rimbors fuqu. Żied jgħid li l-IAID ma sabet l-ebda traċċabilità li tiddistingwi l-prodott li kien qed jiddaħħal bħala *outsourcing* għand il-pitkal

[70] *A fol.* 576 tal-proċess.

f'isem it-TQPG minn dak li ma kienx, minħabba li t-TQPG stess oġġezzjonat għal dan minħabba biżgħa ta' ritaljazzjoni mill-pitkala fil-konfront tal-membri tagħha. Ix-xhud spjega li konsegwenza ta' dan, il-bejgħ tal-prodotti tal-bdiewa membri tat-TQPG li kien qiegħed isir mill-Pitkalija ma setax jingħadd mal-*value of market production* tat-TQPG, u għalhekk żgur li ma kien hemm l-ebda arranġament kummerċjali bejn it-TQPG u l-pitkala l-oħrajn. Qal li f'dan ir-rigward it-TQPG ma setgħetx teżerċita xi forma ta' kontroll jew superviżjoni fuq l-attività tal-membri tagħha. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li in vista ta' dan, kellhom isiru l-kalkoli mill-ġdid, liema kalkoli wasslu għal riduzzjoni qawwija tal-fondi dovuta lit-TQPG. Ix-xhud qal li Peter Axisa kien oġġezzjona għal dan, u kien baqa' jinsisti fuq l-interpretazzjoni tiegħu, iżda sadanittant kienet ittieħdet pożizzjoni uffiċjali mill-IAID u mill-Aġenzija tal-Pagamenti, u sussegwentement anki mid-Direttorat tal-Agrikoltura.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Marco Dimech**[71], li spjega li hu kien jokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Agrikolu fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura, u fost xogħol ieħor, kien jieħu ħsieb ix-xogħol relatat mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Ix-xhud qal li r-Regolament Ewropew EC 1580/2007 jistipula li l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jistgħu jintlaqgħu mill-awtorità kompetenti, id-Dipartiment tal-Agrikoltura, sal-15 ta' Settembru ta' kull sena, u l-applikant kellu jingħata risposta fir-rigward tal-applikazzjoni sal-15 ta' Diċembru tal-istess sena. Ix-xhud kompla jgħid li fis-17 ta' Settembru, 2010 hu kien bagħat jinforma lil Peter Axisa u lil Brian Ferrante li hu kien irċieva l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tat-TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi, iżda din l-applikazzjoni kellha l-*operational programme* nieqes. Spjega li dan il-programm hu dokument li fih jitniżżlu l-

[71] *A fol.* 578 tal-proċess.

attivitajiet u x-xogħol li l-organizzazzjoni tikkommetti li ser tagħmel tul il-perijodu ta' rikonoxximent, u permezz ta' dan il-programm l-Awtorità tista' tara liema miżuri ser jiġu mwettqa u liema ser jiġu finanzjati. Qal ukoll li dan il-programm huwa bbażat fuq il-*value of marketed production* (VMP), u iżjed ma jkun għoli l-VMP, iżjed tkun għolja n-nefqa tal-*operational programme,* u għalhekk aktar ma jkun għoli l-VMP, aktar tkun għolja l-possibilità li jingħata sussidju. Qal li ħafna mill-membri tat-TQPG baqgħu jikkonsenjaw il-prodott tagħhom lill-pitkala, u in vista ta' dan it-TQPG baqgħet tippressa lill-Gvern sabiex isib soluzzjoni dwar dan. Qal li t-TQPG kellha tibgħat kopja finali tal-*operational programme* sal-15 ta' Settembru 2010, u kulma bagħtet sa dakinhar kien biss abbozz ta' dan il-programm. Ix-xhud qal li fit-28 ta' Ottubru 2010, hu kien informa lil Brian Ferrante li l-*operational programme* li kien bagħat kien jirreferi għas-sena 2008, u dakinhar stess Peter Axisa kien bagħatlu kopja tal-programm finalizzat. Qal li l-bord maħtur mid-Direttur tal-Agrikoltura ltaqa' biex jevalwa din l-applikazzjoni, u kien irriżulta li din kellha diversi nuqqasijiet, fosthom nuqqas ta' dokumenti, nuqqas ta' minuti tal-AGM li jagħtu mandat lill-*management* tat-TQPG biex jifforma organizzazzjoni ta' produtturi, nuqqas ta' *membership agreements* tal-membri, u nuqqasijiet oħra fl-*operational programme* li ġie ppreżentat. Ix-xhud qal li in vista ta' dawn in-nuqqasijiet, it-TQPG ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Ix-xhud qal li wara li ġara dan kollu, is-Segretarju Permanenti tal-MRRA kien talbu jibda jassisti lit-TQPG fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati, u hu kien beda jattendi fl-istabbiliment tat-TQPG sabiex jassisti lill-ħaddiema fil-kompilazzjoni tad-dokumenti meħtieġa. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu dam jagħmel dan l-eżerċizzju għal perijodu ta' xahrejn, u wara dan il-

perijodu hu kien ġie trasferit f'dipartiment ieħor. Qal ukoll meta huwa spiċċa mill-inkarigu li kellu, id-dokumentazzjoni meħtieġa kienet għadha ma nġabritx kollha.[72]

Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2018 tkompla l-kontroeżami tal-**PL Quentin Tanti**[73], li qal li kien hemm '*road map'* li abbażi tagħha fil-futur kellu jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet, u ppreżenta kopja tal-ewwel u l-aħħar verżjoni ta' din ir-*roadmap*.[74]

Fl-istess udjenza tkompla l-kontroeżami ta' **Sandro Grech**[75] li ppreżenta kopja tal-*audited accounts* tat-TQPG[76], minn fejn jirriżultaw l-għotjiet finanzjarji li ġew irċevuti għas-snin 2008 (€144,000) u 2007 (€195,000). Ix-xhud spjega l-kalkolu tiegħu b'dan il-mod:

> "... meta kont qed nagħmel il-*projections* ikkalkulajt li minħabba l-Eur 144,000 kienu fuq bejgħ ta' sitt miljuni f'dik is-sena, jien ikkalkulajt li *a rounded figure* Eur 150,000 fis-sena għandhom żgur. Ir-raġuni li kkalkulajna għal Eur144,000 ġew ikkalkulati mill-PG imbagħad fittixt anki fl-*audit,* normalment għandhom kept Eur 100,000 bħala PG jeħduha dejjem għax għandhom il-PG imbagħad id-differenza trid tiġi kkalkulata fuq it-*turnover,* imma jien ikkalkulajt la ħadna *estimate* li l-bejgħ ħa jaqbeż is-sitt miljuni fis-sena, mill-anqas qed jieħdu mija u ħamsin jiġifieri dawn *projections* kif għidtilkom l-aħħar darba jiġifieri dan dejjem jiġi kkalkulat skont eżattament ix-xogħol li jidħol fil-grupp u jinbiegħ."

Ix-xhud qal li l-massimu li jistgħu jieħdu gruppi ta' produtturi huwa ta' €100,000 irrispettivament mill-ammont ta' bejgħ, u fil-każ ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, dawn jistgħu jieħdu ammont akbar ta' flus.

[72] Id-dokumentazzjoni esebita mix-xhud tinsab *a fol.* 581 *et seq.* tal-proċess.
[73] *A fol.* 657 tal-proċess.
[74] *A fol.* 659 tal-proċess.
[75] *A fol.* 667 tal-proċess.
[76] *A fol.* 670 tal-proċess.

Fl-istess udjenza tkompla l-kontroeżami ta' **Dr Christopher Ciantar**[77], li qal li d-diskussjonijiet li saru bejn il-Ministeru u Peter Axisa dejjem saru għan-nom tat-TQPG u mhux f'isem Peter Axisa personalment. Ix-xhud ikkonferma li x-xewqa tiegħu kienet li l-ewwel tiġi stralċjata l-organizzazzjoni tal-produtturi sabiex seta' jinħareġ il-*bank draft* biex jitħallsu l-bdiewa, u qal ukoll li hu ma jafx jekk il-bdiewa eventwalment tħallsux. Qal iżda li hu kien jaf li l-bdiewa kienu ser jitħallsu mill-Gvern. Ix-xhud ikkonferma li mill-*audit* tal-IAID kien ġie stabbilit li x-xogħol li beda jiddaħħal fil-Pitkalija b'mod individwali mill-bdiewa u mhux f'isem t-TQPG ma setax jingħadd mal-VMP. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li l-koperattiva kienet għadha qiegħda tiġi ffurmata, kien hemm ftehim li din kellha tibqa' topera mill-istess faċilitajiet li t-TQPG kellu qabel.

Fl-istess udjenza xehed **Ġamri Grech**[78], li qal li kien membru fil-kumitat tat-TQPG, u sa fejn jaf hu t-TQPG kienet waqfet topera.

Il-konvenuti ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Dr Mario Spiteri**, Direttur Ġenerali għall-Iżvilupp Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima[79], li qal li hu ilu f'din il-kariga sa minn Frar tal-2010. Ix-xhud qal li r-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet u gruppi ta' produtturi taqa' fil-mansjonijiet tad-Direttur tal-Agrikoltura, u żied jispjega li fil-perijodu li fih t-TQPG applika sabiex jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi, il-kariga ta' Direttur tal-Agrikoltura kienet waħda vakanti. Ix-xhud qal li minkejja dan, hu kien assigura li l-Aġent Direttur fid-Dipartiment jagħmel il-verifiki neċessarji sabiex l-applikazzjoni li saret mit-TQPG għar-rikonoxximent tiġi pproċessata, u f'dan ir-rigward Peter Axisa kien ġie infurmat li l-

[77] *A fol.* 673 tal-proċess.
[78] *A fol.* 679 tal-proċess.
[79] *A fol.* 683 tal-proċess.

applikazzjoni tiegħu kellha xi dokumentazzjoni nieqsa. Ix-xhud qal li din id-dokumentazzjoni baqgħet ma ġietx ippreżentata u għalhekk t-TQPG ma setax jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Qal iżda li sabiex l-eżistenza tat-TQPG ma titpoġġiex fil-periklu, kien ġie deċiż li dawn kellhom jingħataw rikonoxximent kundizzjonat, sakemm iżommu mar-regoli kollha applikabbli għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.[80] Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hekk kif Dr Justin Zahra kien ġie maħtur Direttur tal-Agrikoltura, hu kien talbu jagħmel il-verifiki neċessarji sabiex ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet amministrattivi rikjesti mil-liġi. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejnu u Peter Axisa f'dan ir-rigward.[81]

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Kriss Debono**[82], *Principal Agricultural Officer* fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura, li qal li d-Direttorat tal-Agrikolturà huwa l-Awtorità Kompetenti li tirrikonoxxi għaqdiet tal-produtturi jew gruppi tal-produtturi skont il-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta, u parti minn xogħlu kien jinvolvi r-rikonoxximent ta' għaqdiet jew gruppi tal-produtturi skont il-liġijiet ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea. Qal li meta tiġi ppreżentata applikazzjoni, id-Direttur irid jevalwa jekk l-għaqda jew il-grupp jissodisfax ir-rekwiżiti neċessarji sabiex jingħata r-rikonoxximent mitlub, u żied jgħid li r-rikonoxximent ta' gruppi ta' produtturi hu wieħed preliminari u dan peress li wara perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin dawn iridu jiksbu rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi. Qal li dan ir-rikonoxximent jingħata wara li d-Direttorat tal-Agrikoltura jkun sodisfatt li dawn qegħdin jimxu ma' pjan ta' rikonoxximent. Ix-xhud ikkonferma li t-Ta' Qali Producers'

---

[80] Ara d-digriet ta' rikonoxximent *a fol.* 688: *"[t]his is a one time conditional recognition granted with effect December 2010 and valid for one year, (expires in December 2011), until which time TQPG as a PO would be expected to become totally in line with all its obligations and requirements."*

[81] *A fol.* 685 *et seq.* tal-proċess.

[82] *A fol.* 692 tal-proċess.

Group (Fruit & Vegetables) ingħata rikonoxximent preliminari bħala grupp tal-produtturi fit-23 ta' Settembru, 2005 u dan wara li kien ippreżenta pjan ta' rikonoxximent. Qal li tul il-ħames snin li matulhom it-TQPG kellu jaħdem bħala grupp tal-produtturi, dan kellu jibni l-pedament meħtieġ sabiex wara li jagħlqu l-ħames snin ikun jista' jibda jiffunzjona bħala għaqda tal-produtturi. Żied jgħid li hekk kif għalqu l-ħames snin, it-TQPG kellu jippreżenta *operational programme* sabiex id-Direttorat tal-Agrikoltura jkun jista' jevalwa jekk din l-għaqda setgħetx tiġi rikonoxxuta bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Ix-xhud żied jgħid li l-ebda wieħed mill-*operational programmes* li kienu ġew sottomessi ma kienu jissodisfaw dak stipulat fir-Regolamenti rilevanti. Qal li minkejja li f'dak l-istadju l-obbligu tad-Direttorat tal-Agrikoltura kien li jew jaċċetta l-programm sottomess jew inkella jirriġettah, kien ġie deċiż li t-TQPG kellha tingħata l-assistenza neċessarja sabiex tissodisfa l-obbligi stabbiliti bil-liġi. Ix-xhud spjega li minkejja dan, ir-rikonoxximent kundizzjonat li ngħata t-TQPG ma setax jibqa' fis-seħħ peress illi l-kundizzjonijiet marbuta ma' dan ir-rikonoxximent ma ġewx sodisfatti. Żied jgħid li skont l-artikolu 114 tar-Regolament Ewropew 543/2011:

> *"Member States shall withdraw the recognition of a producer organisation if a failure to respect the criteria for recognition is substantial and results from the fact that the producer organisation acted deliberately or by serious negligence."*

Ix-xhud żied jispjega li t-TQPG kienet ġiet mgħarrfa li hija kienet qiegħda taġixxi bi ksur tal-obbligi imposti fuqha taħt il-liġi Ewropea, u li ma kinitx konformi mal-artikoli 23(ċ) u 26(1) tar-Regolament Ewropew 543/2011, u għaldaqstant kienet ittieħdet deċiżjoni li r-rikonoxximent kundizzjonat kellu jiġi irtirat. Ix-xhud qal li t-TQPG kienet:

> *"... in breach of Article 23(c) of the above-mentioned Regulation (543/2011) on account of its not having ensured good commercial and budgetary management as required by law; and*
>
> *Is in breach of Article 26(1) of the above-mentioned Regulation on account of its main activity during calendar year 2011 having consisted in the placing on the market of products other than the products of its members for which it is recognised."*

Ix-xhud żied jgħid li b'riferiment għall-artikolu 23(c), l-*audited accounts* tat-TQPG kienu qegħdin jindikaw li mingħajr is-sussidji pubbliċi mogħtija, dan il-grupp ma kienx finanzjarjament vijabbli, u l-grupp kien jiddependi fuq tali finanzjament sabiex ikun jista' jibqa' jopera. Żied jgħid li d-Direttorat kien sab li kien hemm infiq konsiderevoli fuq salarji, infiq konsiderevoli fuq investiment sabiex setgħu jinfetħu l-ħwienet tal-grupp meta dawn ma setgħux jiddependu biss fuq il-prodotti agrikoli tal-membri tagħhom, u kien hemm ukoll dipendenza fuq prodotti li ma kinux tal-membri ta' TQPG. Ix-xhud qal ukoll li t-TQPG kien qiegħed jiddependi ħafna fuq prodotti agrikoli li ma kinux tal-membri tiegħu, u għalhekk ma kienx hemm konformità lanqas mal-ispirtu tar-Regolament 543/2011. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-irtirar tar-rikonoxximent seta' jiġi kkontestat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, però din id-deċiżjoni ma kinitx ġiet ikkontesatata.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja tar-risposta maħlufa ta' **Joseph Mary Farrugia** fl-atti tar-rikors maħluf numru 1172/2016 fl-ismijiet **Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali *vs.* Ta' Qali Producers' Group (Fruit and Vegetables) et**.[83]

[83] *A fol.* 67 tal-proċess.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Dr Justin Zahra**[84], illum Kap tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, li qabel kien Direttur tal-Agrikoltura sas-sena 2015. Dan ix-xhud ikkonferma li fl-2011 it-Ta' Qali Producers' Group kellu rikonoxximent kundizzjonat bħala organizzazzjoni jew għaqda tal-produtturi, u fis-snin ta' qabel kellu rikonoxximent preliminari bħala grupp tal-produtturi. Ix-xhud spjega li gruppi tal-produtturi jistgħu jingħataw għarfien preliminari jekk dawn ikunu qegħdin jaspiraw li jiġu rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi. Qal li sabiex jiġu rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi, dawn l-għaqdiet iridu jissottomettu pjan ta' rikonoxximent, jew pjan ta' ħidma li fih jispjegaw kif fi ħsiebhom jaħdmu sabiex jiġu rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi. Żied jgħid li d-Direttur tal-Agrikoltura għandu l-obbligu legali li jagħmel il-kontrolli neċessarji sabiex jassigura li l-grupp ta' produtturi qiegħed iżomm mal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent tiegħu, u f'każ li jinstabu nuqqasijiet, jiġu applikati sanzjonijiet li jistgħu jinkludu l-irtirar tar-rikonoxximent. Ix-xhud qal li r-rikonoxximent jista' jiġi irtirat fejn jinstab li n-nuqqasijiet ikunu sostanzjali u jirriżultaw mill-fatt li l-organizzazzjoni tkun aġixxiet b'mod deliberat jew b'negliġenza serja. Ix-xhud żied jgħid li r-rikonoxximent bħala grupp ta' produtturi huwa rekwiżit neċessarju sabiex il-grupp ikun jista' jibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropea, u l-massimu ta' fondi li grupp ta' produtturi jista' jibbenefika minnu hu ta' €100,000 fis-sena għal perijodu li ma jistax ikun ta' aktar minn ħames snin minn meta l-grupp ta' produtturi jkun ġie rikonoxxut bħala tali. Ix-xhud żied jgħid li sabiex il-grupp ta' produtturi jkun jista' jitlob rifużjoni abbażi tal-valur tal-produzzjoni tal-membri tiegħu (il-VMP), din trid tkun ikkummerċjalizzat tal-inqas 80% tal-produzzjoni kollha ta'

[84] *A fol.* 702 tal-proċess.

dak il-bidwi. Qal ukoll li fir-rigward ta' għajnuna minn fondi nazzjonali, japplikaw ir-regoli tad-*de minimis,* li f'ċerti każijiet jistgħu jippermettu ħlasijiet sa mhux iżjed minn €200,000. Spjega li din l-għajnuna hi prerogattiva tal-Gvern illi normalment ma toħroġx għall-benefiċjarju wieħed imma f'qafas li jippermetti lil dawk li huma potenzjalment eleġibbli li japplikaw b'mod ugwali u mhux diskriminatorju. Ix-xhud qal li fil-każ tat-TQPG dan ibbenefika minn għajnuna allokata għas-*setting up* tiegħu, liema għajnuna tista' tingħata darba waħda biss.

Ix-xhud kompla jispjega li minn dakinhar li t-TQPG ġie rikonoxxut bħala grupp ta' produtturi, fit-23 ta' Settembru 2005, skatta t-terminu ta' ħames snin li matulhom dan kellu jimplimenta l-pjan ta' rikonoxximent sabiex eventwalment jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni jew għaqda tal-produtturi. Qal li meta ġew ippreżentati l-pjanijiet finanzjarji tat-TQPG, irriżulta li mhux biss kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni, iżda wkoll li l-*projections* finanzjarji kienu jindikaw li l-introjtu tat-TQPG ma kienx biżżejjed sabiex jiġi bbilanċjat l-infiq mad-djun. Dr Justin Zahra żied jgħid li l-iskop tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea hu li dawn l-entitajiet ikunu ekonomikament vijabbli. Ix-xhud qal li hu kien ġie a konoxxenza tal-fatt li t-TQPG kellu problemi wkoll minħabba nuqqas ta' governanza tajba, wara li kien ġie stabbilit li fis-sena 2009 din ma kinitx żammet il-laqgħa ġenerali annwali tagħha, u minflok kienet saret laqgħa waħda li tkopri perijodu ta' sentejn. Qal li dan in-nuqqas kien ifisser li l-membri ma kinux f'qagħda li setgħu jiskrutinizzaw l-operat tat-tmexxija tal-grupp tagħhom. Żied jgħid ukoll li kien irriżulta li t-TQPG kien qiegħed kulma jmur iżżid fix-xiri ta' prodotti minn barra minn Malta, u wħud minn dawn il-prodotti kienu l-istess bħal dawk li kienu jitkabbru mill-bdiewa lokali. Ix-xhud qal li fuq kollox kien hemm problema minħabba l-mod kif kien

qiegħed jiġi kkomputat il-VMP, u dawn in-nuqqasijiet kollha ġew mgħarrfa lil Peter Axisa f'ittra tal-25 ta' Awwissu, 2011, fejn intalbu iżjed kjarifiki, dettalji speċifiċi, u titjib f'kull azzjoni u qasam tal-grupp. Ix-xhud qal li lilu rriżultalu wkoll li l-bdiewa ma kienu qegħdin igawdu minn l-ebda benefiċċju tanġibbli bl-isħubija tagħhom f'dan il-grupp ta' produtturi, tant hu hekk li wħud mill-bdiewa kienu ddeċidew li jerġgħu jibdew iħottu l-prodotti tagħhom għand il-pitkala. Żied jgħid li lilu rriżultalu li qatt ma ntlaħaq ftehim b'mod konkret bejn t-TQPG u l-pitkala, u minkejja dan, it-TQPG beda jitlob l-għajnuna abbażi ta' dan il-VMP sabiex jimmassimizza l-fondi għalih, minkejja li l-bdiewa baqgħu jdaħħlu l-prodotti għand il-pitkala f'isimhom personali. Qal ukoll li minkejja li t-TQPG ma kienx jissodisfa r-rewkiżiti stabbiliti sabiex jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi, dan ingħata rikonoxximent kundizzjonat bil-ħsieb li jiġi megħjun jikkonforma mal-obbligi legali li kellu sabiex eventwalment jiġi rikonoxxut. Ix-xhud kompla jgħid li minkejja dan, il-pożizzjoni tat-TQPG baqgħet ma tjibitx, u n-nuqqasijiet li kellu baqgħu ma tranġawx. Ix-xhud kompla jgħid li fi Frar tal-2012 hu kien intalab mill-ministeru responsabbli jagħti rendikont tan-nuqqasijiet fl-operat tat-TQPG[85], u qal li in suċċint, dawn in-nuqqasijiet kienu jikkonsistu fin-nuqqas ta' kontroll fuq il-produzzjoni tal-membri kif mitlub fl-artikolu 23(a) tar-Regolament[86]; nuqqas ta' ġestjoni kummerċjali u baġitarja kif mitlub fl-artikolu 23(ċ) tar-Regolament[87]; nuqqas ta' konformità tal-attività prinċipali ma' dak mitlub mill-

[85] Kopja tal-preżentazzjoni tinsab esebita *a fol.* 759 tal-proċess.
[86] Ġie ppuntwalizzat illi - *"Under the 'outsourcing' arrangement which TQPG insists upon, it does not have knowledge of their members production in a manner whereupon they could actually control and plan production, since the interaction betweenthe outsourced members and the PO is not controlled."*
[87] Fil-*presentation* tiegħu ix-xhud qal illi *"TQPG does not exercise proper budgetary management as its audit accounts show that in the absence of public subsidies which it purportedly owed, the PO's business model does not make it financially viable."*

artikolu 26(1) tar-Regolament[88]; u nfiq li ma kienx approvat minn qabel. Ix-xhud qal li in vista ta' dan, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li r-rikonoxximent jiġi irtirat. Ix-xhud żied jgħid li minkejja li kien hemm dritt ta' appell minn tali deċiżjoni, tali deċiżjoni ma ġietx appellata, u għalhekk it-TQPG tilef id-dritt li jiġi rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala għaqda li tista' tibbenefika minn dawn il-fondi Ewropej.

Ix-xhud qal ukoll li dan kien ifisser li l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali kellha tiġbor lura l-flus imħallsa minnha, u l-Aġenzija kienet fetħet kawża kontra t-TQPG sabiex tirkupra dawn il-flejjes. Qal ukoll li minħabba l-irtirar ta' dan ir-rikonoxximent, it-TQPG ma setax jibbenefika minn fondi ekwivalenti għal 4.1% fuq il-VMP li jgawdu minnhom għaqdiet tal-produtturi, u rriżulta li t-TQPG qatt ma seta' jgawdi minnhom. Qal ukoll li f'Malta m'hawnx għaqdiet tal-produtturi, u għalhekk m'hawn ħadd li jgawdi minn dawn il-fondi. L-unika ħaġa li t-TQPG seta' jibbenefika minnha saż-żmien li fih kien rikonoxxut bħala grupp ta' produtturi kienet rifużjoni fuq il-VMP sa massimu ta' €100,000 fis-sena. Ix-xhud qal li hekk kif ġie deċiż li r-rikonoxximent kundizzjonat li kien igawdi t-TQPG kellu jiġi irtirat, il-Gvern ipprova jsib soluzzjoni sabiex jgħin lill-bdiewa ħalli dawn ma jkomplux isofru aktar, u l-ħsieb kien li dawn jiġu megħjuna jissieħbu f'koperattiva sabiex ikun jista' jkollhom bidu ġdid. Ix-xhud qal li sa Frar tal-2013, il-Bord tal-Koperattivi kien għadu ma laqax t-talba tat-TQPG għall-formazzjoni tal-koperattiva, u fin-nuqqas li tiġi ffurmata koperattiva li tkompli bil-ħidma u r-responsabbiltajiet tat-TQPG, ma kien ser ikun hemm l-ebda entità li setgħet tassumi r-responsabbilità għad-djun li kellha t-TQPG. Ix-

[88] Fil-*presentation tiegħu* ix-xhud speċifika li "*TQPG in 2011 sold 14% more non-member produce than members' produce in economic terms. TQPG itself in its latest submission proposes that its' 'other sales' should continue to outstrip 'direct sales' (i.e. members' produce) by three times in 2012 and 2013, remaining at least double in 2014.*"

xhud żied jgħid li fil-21 ta' Frar, 2013, Dr Ciantar kien informa lil Peter Axisa li l-bdiewa kienu ser jitħallsu dak dovut lilhom f'dik il-ġimgħa stess[89], u l-kumplament ta' dak maqbul kien jiddependi fuq il-proċedura ta' stralċ tat-TQPG u r-rinunzja tad-djun mill-kredituri tat-TQPG. Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt il-bdiewa kienu tħallsu mill-Gvern sabiex ma jkomplux ibatu huma.

Il-konvenuti preżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Sharlo Camilleri**[90], li fil-passat okkupa diversi karigi fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, fosthom il-kariga ta' Kap tal-Aġenzija. Ix-xhud qal li t-TQPG kien ġie rikonoxxut bħala grupp tal-produtturi mid-Direttorat tal-Agrikoltura, u in vista ta' dan ir-rikonoxximent, dan seta' japplika għall-fondi tal-Unjoni Ewropea, li permezz tagħhom kellu jimplimenta pjan ta' rikonoxximent sabiex eventwalment issir għaqda jew organizzazzjoni tal-produtturi. Spjega kif għal diversi snin it-TQPG kien applika għall-fondi, fosthom fis-snin 2008 u 2011 għas-snin 2007-2010, u dak iż-żmien huma kienu eliġibbli għall-fondi fil-qafas tar-Regolamenti applikabbli u tal-liġijiet ta' Malta. Qal li l-ammont ta' fondi li t-TQPG kien eliġibbli għalih kien jiddependi mill-Valur tal-Prodott Mibjugħ, u min-nefqa li tkun għamlet l-għaqda tal-produtturi skont kif approvat fil-pjan ta' rikonoxximent tagħha stess. Qal ukoll li l-massimu ta' fondi kien jilħaq il-€100,000 u fl-erba' snin li fihom t-TQPG applika għall-fondi dan dejjem applika għall-massimu tal-fondi li kien eliġibbli għalih. Ix-xhud ikkonferma li għas-snin 2008 sa 2010 it-TQPG ingħatat €100,000 kull sena, filwaqt li fis-sena 2011 ingħata €27,798.58. Żied jgħid li minn eżerċizzju ta' verifika li sar, ġie stabbilit li t-TQPG kien ħa ferm aktar fondi milli kien eliġibbli għalihom, u fil-VMP li kien ġie sottomess kien hemm inkluż bejgħ ta' prodotti li ma kinux eliġibbli biex

[89] Kopja tal-*email, a fol.* 781 tal-proċess. L-Inġinier Ciantar informa lil Peter Axisa illi: "[m]in-naħa tiegħi nikkonfemrma li l-pagamenti tal-bdiewa ser jitħallsu u li l-ftehim dwar l-użu tal-bini qed jiġi mistħarreġ mil-Lands."
[90] *A fol.* 783 tal-proċess.

jibbenefikaw mill-fondi. Ix-xhud qal li f'punt minnhom kien sar *review* tal-operat tat-TQPG fejn kienet saret verifika dwar is-sħubija tal-membri, fuq il-valur tal-prodotti u fuq l-ispejjeż skont il-pjan ta' rikonoxximent, u kien hawnhekk li rriżultaw diversi nuqqasijiet mhux biss dwar il-VMP, iżda wkoll dwar materji oħra. Spjega li minkejja li permezz ta' din il-kawża, it-TQPG qiegħed jippretendi ħlas ta' €100,000 għas-sena 2011, mill-verifiki li saru kien ġie stabbilit li għal dik is-sena it-TQPG kien eliġibbli biss għall-ammont ta' €27,798.58, u dan l-ammont ma kienx tħallas lit-TQPG minħabba li dan kien debitur tal-Aġenzija f'ammonti ferm akbar.[91] Ix-xhud qal li minn verifiki oħra li saru, kien ġie stabbilit li Peter Axisa ma kienx qiegħed jimxi mal-ftehim li kien hemm qbil dwaru bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li l-Ministeru beda jaħdem sabiex jgħin lill-gruppi ta' produtturi inkluż lit-TQPG li kienet f'sitwazzjoni prekarja ħafna, u kienet ġiet abbozzata *road map* li kienet qiegħda tiġi diskussa[92], u l-ftehim kien li l-ebda parti mir-*road map* ma kellha tiddaħħal fis-seħħ qabel ikun hemm ftehim fuq il-pakkett kollu. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-Gvern aċċetta li jidħol f'diskussjonijiet mat-TQPG bil-premessa li dak li kien ġie konkluż mill-IAID fir-rigward tal-*outsourcing* kien korrett u għalhekk it-TQPG kellu jirrifondi ammont sostanzjali ta' flus minkejja li l-Gvern baqa' kommess li jgħin lit-TQPG timxi 'l quddiem.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Jason Sammut**[93], li qal li hu jokkupa l-kariga ta' *Senior Agricultural Officer* fl-uffiċċju tal-*Market Mechanisms Unit* tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, u kien ilu f'din il-kariga mill-2010. Qal li f'dan ir-rwol hu kien jieħu ħsieb l-għajnuna li jingħataw gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi, u hu kien wieħed mill-

[91] Dettalji kif indikati f'*fol.* 844 tal-proċess.
[92] Kopja *a fol.* 859 tal-proċess.
[93] *A fol.* 863 tal-proċess.

persuni li ħadem fuq l-applikazzjoni għall-fondi tal-UE li ġiet ippreżentata mit-TQPG fi Frar tas-sena 2011. Ix-xhud qal li mill-verifiki li għamel, irriżultalu li t-TQPG ma kienx għamel kalkoli tal-VMP u tal-infiq eliġibbli skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, u t-TQPG kien inkluda ammonti li ma kinux eliġibbli.[94]

Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2018, xehed il-**PL Quentin Tanti**[95] li b'riferiment għar-*road map* li huwa kien semma fid-depożizzjoni preċedenti tiegħu, qal li l-atturi ma kinux qed jaqblu mal-idea li l-ewwel ikun hemm *winding up* tat-TQPG, qabel jiġu implimentati punti oħrajn tar-*road map*. Ix-xhud qal ukoll li r-*road map* inkwistjoni ma kinitx ġiet iffinalizzata. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li dan il-ftehim baqa' ma ġiex konkluż, kien hemm punti minnu li bdew jiġu attwati min-naħa tal-awtoritajiet governattivi.

Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Brian Ferrante**[96], li qal li għaqda jew organizzazzjoni tal-produtturi għandha obbligi aktar onerużi minn grupp ta' produtturi, u organizzazzjoni kienet obbligata li tqiegħed fuq is-suq 100% tal-prodott tal-membri tagħha, filwaqt li grupp ta' produtturi ma kienx obbligat iqiegħed fuq is-suq 100% tal-prodotti tal-membri tiegħu. Ix-xhud speċifika li hu qatt ma kien impjegat tat-TQPG, iżda kien għen fl-abbozzar tal-pjan tal-ewwel ħames snin tat-TQPG sakemm eventwalment dawn ġew rikonoxxuti bħala grupp tal-produtturi.

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018 xehed **Dr Paul Zahra**[97], *Chairman* tal-*Istate Aid Monitoring Board,* li ntalab jixhed dwar jekk persuna jew entità tistax titlob għajnuna *de minimis* għal aktar minn darba fir-rigward ta' spejjeż

[94] Id-dokumentazzjoni li ġiet ippreżentata in sostenn ta' dan tinsab esebita *a fol.* 864 tal-proċess.
[95] *A fol.* 867 tal-proċess.
[96] *A fol.* 877 tal-proċess.
[97] *A fol.* 884 tal-proċess.

marbuta mat-twaqqif tal-entità. Ix-xhud qal li r-regola *de minimis* tapplika b'mod Ewropew u tistabbilixxi numru ta' *thresholds* li f'dan il-każ huma €200,000 fuq perijodu ta' tliet snin b'mod kumulattiv, liema ammont ma jistax jinqabeż. Ix-xhud kompla jgħid:

> "Jekk il-mistoqsija tfisser ukoll isma' jista' jkollok spiża li tiġi ppreżentata aktar minn darba biex tingħata għajnuna fuqha d-*de minimis,* l-anwer huwa le, l-iskop tal-għajnuna taħt id-*de minimis* huwa li jkun marbut ma' spiża partikolari u allura m'hemmx *double dipping* u ma jistax ikollox *double funding."*

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Dr Justin Zahra,** li qal li sa mill-bidu nett tat-twaqqif tiegħu t-TQPG kien qiegħed jirċievi fondi mill-Aġenzija tal-Pagamenti u kien qiegħed jitlob fondi tal-UE. Spjega li l-€100,000 fis-sena li kien qiegħed jirċievi kienu qegħdin jitħallsu lilha mill-Aġenzija tal-Pagamenti, u dawn tħallsu lilha għal tliet snin sħaħ. Ix-xhud qal li meta daħal hu fil-kariga ried jassigura li din l-organizzazzjoni kienet qiegħda tottempera ruħha mar-rekwiżiti tal-liġi, u qal li wieħed mill-obbligi ewlenin tagħha huwa li twassal il-prodotti bl-aktar mod li ser jirrendu qligħ għall-produtturi u għall-bdiewa. Ix-xhud żied jgħid li l-mod kif jaħdem id-*de minimis* jiirrikjedi li l-għajnuna finanzjarja tingħata biss lil operaturi li jkunu vijabbli ekonomikament. Ix-xhud qal li Peter Axisa kien infurmah li meta naqaslu d-dħul mill-*Paying Agency,* ma setax iħallas lill-bdiewa, u għalhekk ma kellux il-flejjes neċessarji biex ikun jista' jixtri l-prodotti lokali, bir-riżultat li kellu jixtri prodotti ta' barra minħabba li kienu irħas, u b'hekk seta' jżomm in-negozju għaddej. Ix-xhud qal ukoll li da parti tat-TQPG saru tentattivi sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-operat tagħhom, iżda xorta waħda kien għad hemm nuqqasijiet sostanzjali:

> "Meta kien sar l-*audit* konġunt minn uffiċjali tal-IAID, uffiċjali tal-*Paying Agency* u uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kienu daħlu proprju biex jaraw kemm minn dawn l-affarijiet li qed insemmu, bħall-*grading* jimxi mal-*packaging* u mat-*traceability,* tikketti u affarijiet li kienu qed isiru u saru u laħqux l-istandards li kienu mitlubin jew kienu mmirati fil-programm operattiv. Jiġifieri naf li kienu saru tentattivi jiġifieri b'hekk għidt li kienu saru xi tentattivi ta' *grading.* Naf li kienu saru tentattivi li kienu ġew identifikati wkoll li kien għad hemm *gaps* apprezzabbli fihom."

Il-kontroeżami ta' **Dr Justin Zahra** tkompla fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019[98], fejn ix-xhud spjega li l-eżerċizzju tal-*grading* huwa parti mir-rekwiżiti stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni Ewropea li timponi wkoll *marketing standards.* Qal li kien hemm diffikultajiet minħabba li l-pajjiż ma kienx qiegħed iwettaq jew jimplimenta dawn il-miżuri. Ix-xhud qal li ma jafx jekk it-TQPG kinitx bdiet xogħol fuq it-*traceability* tal-prodott, b'mod li jkun jista' jiġi identifikat il-bidwi li jkun ipproduċieh. Ix-xhud esprima wkoll dubji dwar in-numru ta' membri li kellha l-għaqda, u qal illi minkejja li fuq il-karta kien jidher li din kellha 400 membru, fil-verità jista' jkun li dawn kienu inqas. Qal ukoll li diversi minn dawn il-membri kellhom problemi ta' lealtà minħabba li ma kinux qegħdin idaħħlu x-xogħol kollu li jipproduċu tramite t-TQPG. Qal li minkejja li mill-verifiki li saru mill-IAID, irriżulta nuqqas ta' qbil mal-mod kif kien qiegħed jopera dan il-grupp ta' produtturi, xorta waħda min-naħa tal-Gvern kien hemm ir-rieda li t-TQPG kellu jiġi megħjun sabiex ikun vijabbli. Qal li f'waħda mil-laqgħat kien ġie propost li l-istruttura eżistenti kellha tinbidel. Ix-xhud qal li hu ma daħalx fuq il-kwistjonijiet li ġew imqajma mill-IAID li kellhom x'jaqsmu mal-mod kif ħadmet l-Aġenzija tal-Pagamenti, u r-responsabbilità tiegħu kienet testendi biss sal-parti tal-proċess li tinvolvi r-rikonoxximent tal-pjan u r-rikonoxximent tar-rekwiżiti biex din l-organizzazzjoni setgħet topera. Qal li

[98] *A fol.* 901 tal-proċess.

biex setgħu jibqgħu jieħdu l-fondi tal-UE, it-TQPG fil-format li kellu, kellu jispiċċa. Ix-xhud qal li meta deher ċar li din l-organizzazzjoni tal-produtturi ma kinitx vijabbli, kienet bdiet tiġi diskussa r-*road map* u l-Gvern deher kommess li lil dawk il-bdiewa li baqgħu joperaw permezz tat-TQPG jgħinhom sabiex ikunu jistgħu jibdew mill-ġdid.

Il-kontroeżami ta' **Dr Justin Zahra** tkompla fl-udjenza tal-25 ta' Frar, 2019[99], fejn ix-xhud ikkonferma li bħala organizzazzjoni tal-produtturi, it-TQPG kienet tikkwalifika għal 4.1% tal-VMP. Spjega li sakemm it-TQPG kien qiegħed jopera bħala grupp ta' produtturi, il-*capping* kien ta' €100,000 fis-sena, filwaqt li meta saret organizzazzjoni, il-*capping* tpoġġa għal 4.1% tat-*turnover,* kif approvat fil-programm operattiv. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm għadd ta' kredituri li ġew trasferiti mit-TQPG għat-TQPC, għalkemm mhux kollha, u żied ukoll li l-Gvern kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm kredituri li l-pretensjonijiet tagħhom jibqgħu mhux sodisfatti.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkonsidrat il-provi voluminużi li ġew ippreżentati f'din il-kawża, bosta minnhom dokumenti, korrispondenza bejn il-partijiet u *affidavits* ta' esponenti tad-diversi entitajiet li kienu involuti fil-każ inkwistjoni, sabiex tistabbilixxi x'kien li proprjament li wassal għall-proċeduri odjerni. Fi kliem sempliċi l-atturi qegħdin jippretendu l-ħlas tad-danni mill-konvenuti jew min minnhom, għaliex dawn allegatament naqsu milli jaddempixxu l-obbligi kontrattwali li l-atturi jsostnu li kienu jinvinkolaw lill-awtoritajiet governattivi.

[99] *A fol.* 919A tal-proċess.

Il-Qorti semgħet lil Peter Axisa, li istitwixxa dawn il-proċeduri kemm f'ismu personali kif ukoll għan-nom ta' Ta' Qali Producers' Group u Ta' Qali Producers' Co-Operative Limited, jixhed dwar kif wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, inħasset il-ħtieġa fost il-bdiewa lokali li dawn jingħaqdu u jorganizzaw ruħhom aħjar sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċji tas-sħubija, fosthom billi jkunu eliġibbli għal finanzjament minn fondi li l-Unjoni Ewropea talloka għas-settur tal-biedja. Il-ħsieb kien li l-bdiewa jiġu organizzati fi grupp ta' produtturi li jikkonsenjaw il-prodott tagħhom lil entità ċentrali, f'dan il-każ lit-TQPG, sabiex din tkun tista' tbiegħ il-prodotti tal-bdiewa membri tagħha direttament lill-konsumatur b'marġni ta' profitt għaliha. Dan kellu jelimina l-ħtieġa tal-involviment tal-pitkala, li jipperċepixxu kummissjoni fuq il-prodotti li jinħattu għandhom, li hi ogħla mill-marġni ta' profitt li kellu jagħmel dan il-grupp ta' produtturi. L-ewwel problema loġistika jidher li kienet in-nuqqas ta' spazju jew ta' stabbiliment fejn setgħu jinħattu l-prodotti tal-membri ta' dan il-grupp, u minkejja li kien ġie identifikat stabbiliment f'Ta' Qali li l-Gvern alloka lit-TQPG minn fejn dan seta' jbiegħ il-prodotti tal-membri tiegħu, sa minn qabel beda jopera bħala grupp ta' produtturi it-TQPG ħaseb li jilqa' għal din id-diffikultà billi dderiġa lill-bdiewa membri tiegħu biex jibqgħu jħottu l-prodotti tagħhom għand il-pitkala tradizzjonali, bil-ħlas tal-prodotti jsir fil-kont bankarju tat-TQPG u mhux lill-bdiewa b'mod individwali. Dan l-arranġament hekk imsejjaħ ta' *outsourcing* mill-ewwel ma ntgħoġobx minn xi wħud, tant hu hekk li t-TQPG ħassu kostrett li ġġib *ruling* dwar il-validità tiegħu mingħand l-Avukat Ġenerali, u sussegwentement anki mingħand konsulent legali ieħor, li t-tnejn qablu li dan l-arranġament seta' jsir għaliex kien jaqa' fil-parametri ta' dak li tistabbilixxi l-liġi.

It-TQPG iffunzjona bħala grupp ta' produtturi għal perijodu ta' ħames snin, mis-sena 2005 sas-sena 2010, meta l-obbligi imposti fuqu kienu ferm anqas onerużi milli kieku ġie rikonoxxut bħala għaqda jew organizzazzjoni ta' produtturi. Madanakollu r-regoli viġenti kienu jistabbilixxu li grupp ta' produtturi jkun eliġibbli għal għajnuna finanzjarja allokata mill-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li fi żmien ħames snin dan ikun jista' jibda jiffunzjona bħala għaqda jew organizzazzjoni ta' produtturi, fejn ikun meħtieġ li jibda jikkonforma ma' obbligi ferm aktar onerużi milli kieku baqa' grupp ta' produtturi, u fejn ikun jista' japplika għal finanzjament u benefiċċji ogħla milli kien eliġibbli għalihom bħala grupp ta' produtturi, dejjem fil-kuntest tal-*value of marketable production* (VMP) li hi kkalkolata fuq l-ammont ta' prodotti li l-membri tal-organizzazzjoni jikkonsenjaw għall-bejgħ lill-organizzazzjoni. Il-Qorti semgħet kif ir-rikonoxximent li t-TQPG ngħata bħala organizzazzjoni tal-produtturi, dejjem kien wieħed kundizzjonat, u dan minħabba li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-mod kif dan ġie strutturat, li kellhom jiġu indirizzati qabel dan seta' jitqies li qiegħed jopera konformi mal-obbligi imposti fuqu bir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Jirriżulta ampjament mill-provi li l-awtoritajiet governattivi emmnu f'dan il-proġett u kien hemm ir-rieda li dan jirnexxi, tant hu hekk li għal xi żmien, in vista tad-diversi nuqqasijiet li bdew jinqalgħu fl-operat tat-TQPG, l-awtoritajiet governattivi pprovdew l-għajnuna permezz ta' uffiċjali governattivi sabiex dawn jgħinu lit-TQPG jikkonforma mad-diversi obbligi li organizzazzjoni tal-produtturi kienet mistennija li tonora taħt il-liġijiet Maltija u r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja.

Jirriżulta wkoll li minkejja n-nuqqasijiet imsemmija, konsegwenza tal-fatt li t-TQPG ġie rikonoxxut bħala organizzazzjoni tal-produtturi anki jekk b'mod kundizzjonat, dan seta' jibbenefika minn finanzjament tal-Unjoni Ewropea, kif

ukoll minn għajnuna ulterjuri mogħtija mill-Gvern Malti taħt ir-regoli tad-*de minimis aid,* liema għajnuna kienet tammonta għal eluf ta' Euro fis-sena. Mill-provi jirriżulta li l-*projections* finanzjarji u l-programm operattiv tat-TQPG kienu bbażati fuq dawn is-sorsi ta' finanzjament li dan ħa matul iż-żmien li kien rikonoxxuta bħala grupp tal-produtturi. Din l-għajnuna finanzjarji mogħtija fil-passat ġiet ipproġettata fuq il-futur tal-organizzazzjoni, anki jekk tul iż-żmien kollu li matulu kien jopera t-TQPG kien qiegħed kontinwament jintalab jikkonforma mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u mad-diversi obbligi imposti fuqu sabiex seta' jibqa' jikkwalifika għal din l-għajnuna. Il-Qorti semgħet lil Peter Axisa nnifsu jixhed li f'laqgħa li saret fil-preżenza tal-Ministru ta' dak iż-żmien, il-Perit George Pullicino u uffiċjali oħra tal-Gvern, kien intqal li l-Gvern kien kommess li jgħin lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jibqgħu jaħdmu, sakemm dawn jagħmlu dan b'konformità mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti semgħet lil Dr Justin Zahra jispjega kif sa minn meta ntbagħtet l-ewwel ittra ta' rikonoxximent lit-TQPG wara li dan applika sabiex jiġi rikonoxxut bħala organizzazzjoni ta' produtturi, it-TQPG kien ġie avvżat li kellu jottempera ruħhu mal-obbligi legali imposti fuqu, kif ukoll li kellu jimxi mal-programm operattiv approvat, u f'każ li dan jonqos milli jagħmel dan, is-sanzjonijiet setgħu jinkludu l-irtirar tar-rikonoxximent mogħti. Jirriżulta fil-fatt li kien hemm diversi nuqqasijiet li baqgħu ma ġewx indirizzati mit-TQPG u għalhekk ir-rikonoxximent tiegħu bħala organizzazzjoni tal-produtturi ġie rtirat formalment fis-16 ta' Mejju, 2012, u minkejja li dan kellu dritt jappella minn din id-deċiżjoni, dan l-irtirar tar-rikonoxximent ma ġiex ikkontestat bl-ebda mod.

Il-Qorti semgħet ukoll kif minkejja l-irtirar ta' dan ir-rikonoxximent, it-TQPG baqa' jopera, allavolja minħabba d-diffikultajiet finanzjarji u amministrattivi li beda jiffaċċja, beda jonqos l-interess tal-bdiewa membri tiegħu, li bdew jirrifjutaw li jikkonsenjaw il-prodott tagħhom lill-grupp, u minflok ippreferew li jerġgħu jibdew jikkonsenjaw il-prodott tagħhom lill-pitkala. Peter Axisa xehed li t-TQPG kompla jopera għax kien hemm wegħdi kontinwi da parti ta' esponenti tal-Gvern, li din l-organizzazzjoni ta' produtturi kienet ser tiġi megħjuna finanzjarjament, tant hu hekk li kienu saru diversi diskussjonijiet dwar dan u kienet anki ġiet imfassla *road map*. Din ir-*road map* kienet tinkludi x-xoljiment tal-operat tat-TQPG u l-formazzjoni ta' koperattiva, li kellha tassorbi parti mid-djun tat-TQPG, u li kellha tkun entità kompletament ġdida li setgħet tiffunzjona bħala organizzazzjoni tal-produtturi, iżda mingħajr ix-xkiel u l-problemi li t-TQPG kellu fil-passat. Il-Qorti qieset li t-TQPG kienet l-ewwel organizzazzjoni ta' produtturi li ġiet iffurmata f'Malta b'riżultat dirett tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u fl-ewwel snin wara s-sħubija kienu diversi l-entitajiet li kellhom diffikultajiet jikkonformaw mad-diversi obbligi u regolamenti imposti fuqhom mill-Unjoni Ewropea, u fost dawn kien hemm ukoll it-TQPG. Ix-xhud Sandra Axisa spjegat kif it-twaqqif ta' din l-organizzazzjoni kienet tinvolvi *learning curve* iebsa għall-partijiet kollha involuti, u huwa evidenti li f'ċirkostanzi bħal dawn, u minkejja r-rieda tajba li jkun hemm mill-partijiet kollha kkonċernati, xi nuqqasijiet u żbalji ikun hemm dejjem. Tqis madanakollu li għad illi mill-provi jirriżulta li t-TQPG kienet kontinwament qiegħda tiġi mfakkra li jekk ma tikkonformax mal-liġijiet u mal-obbligi imposti fuqha, ir-rikonoxximent tagħha seta' jiġi irtirat, din baqgħet ma għamlet xejn b'mod effettiv sabiex tindirizza dawn id-diversi nuqqasijiet, ewlenija fosthom il-kwistjoni tal-*outsourcing*. Dr Justin Zahra spjega fix-xhieda

tiegħu kif din il-kwistjoni kienet biss waħda minn diversi nuqqasijiet oħra li kienu kruċjali biex ittieħdet id-deċiżjoni li kien ħa biex jiġi rtirat ir-rikonoxximent ta' TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi, u dan minħabba li kien hemm dokumentazzjoni li baqgħet ma ġietx ippreżentata, ma kien hemm l-ebda programm operattiv għas-sena 2012, filwaqt li l-għajnuna li t-TQPG ngħatat fil-forma ta' uffiċjali governattivi li ntbagħtu sabiex jassistuha taqdi aħjar l-obbligi imposti fuqha, ġiet miżinterpretata minn Peter Axisa bħala ndħil governattiv maħsub biex jissana l-pożizzjoni tal-Aġenzija tal-Pagamenti u tad-Dipartiment ikkonċernat, u mhux biex jgħin lit-TQPG tikkonforma mal-obbligi imposti fuqha. Dr Justin Zahra spjega fix-xhieda tiegħu kif mill-investigazzjonijiet li għamel hu, kien irriżultalu li kienu diversi l-kundizzjonijiet li t-TQPG kien naqas milli josserva minkejja li ġie mogħti l-opportunità li jindirizzahom, u fl-aħħar mill-aħħar huwa ma kellu ebda għażla oħra ħlief li jirtira r-rikonoxximent.

Il-Qorti semgħet lix-xhud Frances Mifsud, *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi, tixhed kif minkejja li 'Ta' Qali Producers' Co-Operative' kienet għamlet talba sabiex tiġi rreġistrata bħala koperattiva, din it-talba kienet ġiet iffriżata minħabba li kien hemm numru ta' kundizzjonijiet li ma ġewx osservati, u minkejja li l-bord tat-TQPG kien ingħata żmien sabiex jottempera ruħu ma' dak mitlub minnu, dawn bl-ebda mod ma kkomunikaw mal-Bord tal-Koperattivi, u għalhekk l-applikazzjoni tagħhom baqgħet ma ġietx ipproċessata. F'dan il-kuntest anki Peter Axisa nnifsu xehed li l-bord tal-Koperattiva li kellha tingħata l-isem ta' Ta' Qali Producers' Co-Operative Limited, baqa' ma ltaqa' qatt, u konsegwenza ta' dan ir-reġistrazzjoni tal-koperattiva ma ġietx finalizzata.

Kienu diversi x-xhieda li spjegaw lill-Qorti x'kienu r-raġunijiet għalfejn ir-rikonoxximent ta' TQPG bħala għaqda jew organizzazzjoni tal-produtturi kellu jiġi rtirat, u konsegwentement din ma baqgħetx tikkwalifika għall-għajnuna finanzjarja. Ix-xhud Brian Ferrante, li ttella' jixhed mill-atturi, spjega kif l-Aġenzija tal-Pagamenti kienet talbet rendikont dwar kif l-obbligi li kellha skont il-*business plan* li kienet ippreżentat, kienu qegħdin jitwettqu mit-TQPG. Dr Chris Ciantar spjega fix-xhieda tiegħu kif wara li kien sar *audit* tal-Aġenzija tal-Pagamenti mill-IAID, it-TQPG kienet intalbet tirregolarizza ruħha sabiex tkun tista' tibqa' topera taħt il-qafas tal-liġijiet Maltija u tal-Unjoni Ewropea. L-ex-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, li kien intalab jintervjeni f'din il-kwistjoni bl-għan li tinstab soluzzjoni aħħarija u li tkun ta' benefiċċju kemm għall-bdiewa kif ukoll għad-diversi entitajiet involuti f'dawn il-proċeduri, xehed li minkejja li t-TQPG ntalbet tippreżenta evidenza li kienet bdiet il-proċess ta' likwidazzjoni tagħha billi tippreżenta riżoluzzjoni tal-membri tagħha f'dan is-sens, u dan sabiex il-Gvern ikun jista' jħallas lill-bdiewa dak dovut lilhom, din l-evidenza baqgħet ma ngħatatx lill-Gvern. Minkejja li dan ir-rekwiżit kien parti mir-*road map* li kellha tiġi implimentata sabiex tinstab soluzzjoni aħħarija li tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha, u minkejja li t-TQPG naqset milli timplimenta din il-parti tar-*road map*, jirriżulta li l-Gvern min-naħa tiegħu xorta waħda kien intervjena biex ħallas dak li kien dovut lill-bdiewa b'mod individwali, u dan għaliex ħass li dawn ma kellhomx jiġu ppreġudikati aktar f'sitwazzjoni li kienu daħlu fiha bil-ħsieb li kellu jkun aħjar għalihom jekk jorganizzaw ruħhom f'għaqda, imma sussegwentement kienu spiċċaw f'sitwazzjoni fejn ma kinux tħallsu ta' xogħolhom.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' Marco Dimech fejn qal li t-TQPG kellha tibgħat kopja tal-programm operattiv tagħha sal-15 ta' Settembru, 2010, iżda

minflok programm kien intbagħat biss abbozz. Dan ix-xhud elenka wkoll id-diversi nuqqasijiet oħra li kienu rriżultaw, fosthom nuqqas ta' dokumentazzjoni, nuqqas ta' minuti tal-laqgħa ġenerali annwali fejn il-*management* tat-TQPG kellu jingħata l-mandat biex iwaqqaf organizzazzjoni tal-produtturi, *membership agreements* nieqsa, u diversi nuqqasijiet fil-programm operattiv. Xhud ieħor Kriss Debono spjega kif l-irtirar tar-rikonoxximent kien sar skont l-artikolu 114 tar-Regolament 543/2011, u kien ġie stabbilit li kien hemm ksur tal-artikoli 23 (ċ) u 26(1) ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk kien ġie stabbilit mid-dokumentazzjoni li ġiet ppreżentata, li din l-organizzazzjoni ma kinitx waħda vijabbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja li setgħet tingħata mill-Gvern u mill-istituzzjonijiet Ewropej, u li kien hemm problemi minħabba n-nefqa sostanzjali fuq is-salarji u fuq l-istabbilimenti li nfetħu sabiex isir il-bejgħ minnhom. Mill-verifiki li kienu saru rriżulta wkoll li minflok ma kienet qiegħda sservi bħala pjattaforma li permezz tagħha jinbiegħu l-prodotti tal-membri tagħha b'mod li jibbenefika kemm lill-konsumatur kif ukoll lill-produttur, it-TQPG kien qiegħed jiddependi fuq l-importazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti barranin, anki fejn il-membri tiegħu kienu jipproduċu l-istess prodott lokalment. Tenut kont ta' dawn il-problemi u nuqqasijiet kollha fil-governanza tat-TQPG, għandu jingħad ukoll li wara li ttieħdet id-deċiżjoni li jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi, din id-deċiżjoni bl-ebda mod ma ġiet appellata jew ikkontestata. Tqis illi kien evidenti għal kulħadd, inkluż l-atturi, li mal-irtirar ta' dan ir-rikonoxximent, it-TQPG kien ser jitlef il-jedd li jibbenefika minn fondi Ewropej. Minkejja li problema ewlenija li ġiet identifikata kienet dik tal-*outsourcing*, u dan minħabba li meta membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi baqgħu jagħmlu użu mis-sistema tal-pitkala sabiex iħottu l-prodotti

tagħhom għandhom, intilfet it-*traceability* tal-prodotti kkonsenjati minnhom b'dan il-mod, u b'hekk it-TQPG ma setax jidentifika liema mill-prodotti kkonsenjati lill-pitkala kienu prodotti tal-membri tiegħu, għajr għal dak li kien jiġi ddikjarat mill-membri stess, ma nstabet l-ebda soluzzjoni effettiva għal din il-problema. Din is-sistema wasslet għal suspetti li l-VMP (*value of marketable production)* iddikjarat mit-TQPG ma kienx wieħed li jirrifletti bi preċiżjoni l-ammont ta' prodotti konsenjati mill-membri tagħha, kif ukoll kien hemm allegazzjonijiet li t-TQPG seta' ngħata finanzjament li ma kienx intitolata għalih, u dan minħabba li ma kien hemm l-ebda kontroll ta' x'kien qiegħed jinħatt għand il-pitkala. Irriżulta wkoll, kif ikkonfermat minn Dr Justin Zahra fix-xhieda tiegħu, li ma kienx hemm *management* baġitarju ta' din l-organizzazzjoni, tant hu hekk li din bdiet titmexxa b'mod li ma jagħmilhiex vijabbli finanzjarjament, kif ukoll li biex tirnexxi fl-operat tagħha, din bdiet tirrikorri għall-bejgħ ta' prodotti li mhumiex tal-membri tagħha, liema bejgħ kien jeċċedi fil-volum il-prodotti tal-membri tagħha.

Quddiem dawn ir-riżultanzi, it-TQPG argumenta li huwa baqa' jopera għaliex ripetutament kien qiegħed jingħata assigurazzjonijiet mill-awtoritajiet governattivi li l-flus li kienu dovuti kienu ser jitħallsu, u li l-awtoritajiet governattivi kienu ser jassumu l-obbligi tal-ħlas ta' dak li kien dovut lit-TQPG minn fondi Ewropej. Fil-fatt mill-provi rriżulta li dak li kien dovut lill-bdiewa mit-TQPG tħallas lilhom minn fondi tal-Gvern. Intqal li kien biss meta kien ċar li mhux l-awtoritajiet governattivi kollha kienu qegħdin jiġbdu l-istess ħabel tiegħu, u wara li interpella lill-Gvern sabiex jonora l-obbligi tiegħu iżda dan baqa' inadempjenti, li t-TQPG kien kostrett jittermina l-operat tiegħu, u istitwixxa dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħed jitlob lill-Qorti

tiddikjara li l-ftehim li kien hemm bejnu u l-awtoritajiet governattivi dwar kif kellha taħdem is-sistema hekk imsejħa ta' *outsourcing* kien validu u enforzabbli, kif ukoll qiegħed titlob lill-Qorti tillikwida d-danni li allegatament jirriżultaw mill-fatt li dan il-ftehim ma ġiex eżegwit.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għad-dokumenti esebiti u għad-diversi *emails* u korrispondenza skambjati bejn il-partijiet, minn fejn jirriżulta ċar li kemm ir-rikonoxximent ta' TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi kif ukoll dak li kien ġie mifthiem magħha min-naħa tal-awtoritajiet governattivi, kien kollu kundizzjonat u soġġett għall-osservanza tal-qafas leġiżlattiv domestiku u kommunitarju li jirregola din il-materja. L-atturi jidher li qegħdin isejsu il-pretensjonijiet tagħhom fuq *gentlemen's agreement* li huma jsostnu li kien jeżisti bejn il-partijiet, u li huma jinsistu li kellu jiġi osservat mill-awtoritajiet governattivi, tant hu hekk Peter Axisa ripetutament fix-xhieda tiegħu qal li hu ma kienx qiegħed jinnegozja mat-tfal. Iżda mill-provi prodotti fil-kawża, jirriżulta li t-TQPG kien kontinwament qiegħed jiġi infurmat x'kienu l-obbligi legali tiegħu, kif ukoll b'liema mod dan kellu jipproċedi fil-parametri legali li seta' jopera fihom.

Il-Qorti tqis li ladarba l-mod kif kellu jitħaddem l-*outsourcing* huwa regolat bil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, liema regolamenti jistipulaw b'mod ċar li t-TQPG kellu jżomm kontroll u jinvolvi ruħu f'kull aspett tal-bejgħ tal-prodotti tal-membri tiegħu, xi ħaġa li ma kienx qiegħed jagħmel fil-prattika, dan kien jammonta għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 tar-Regolament 1580/2007, liema ksur ma setax jiġi ssanat billi tingħata interpretazzjoni li essenzjalment tmur kontra l-ispirtu tal-imsemmi regolament, jew billi jkun hemm ftehim bejn il-partijiet li jdur mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi

regolament, għax jekk isir hekk il-pajjiż ikun qiegħed jesponi ruħu għal sanzjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-konfront tiegħu mill-Unjoni Ewropea. Għandu jiġi rilevat ukoll illi din il-materja tant ġiet meqjusa li hija ta' importanza mill-Unjoni Ewropea, li din ippromulgat regolamenti li huma direttament applikabbli fl-Istati Membri u ma ħallietx flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri fis-sistema legali tagħhom. F'dan il-kuntest irid jiġi ppuntwalizzat li l-awtoritajiet governattivi dejjem idderiġew lit-TQPG sabiex tosserva d-dispożizzjonijiet tal-liġi Maltija u tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, u l-korrispondenza li ġiet skambjata bejn il-partijiet kienet dejjem fis-sens li t-TQPG kien ser jiġi megħjun biex ikompli jopera bil-kundizzjoni li jkun konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea.

L-atturi għamlu wkoll riferiment għall-*emails* tas-16 u s-17 ta' Settembru, 2012, fejn Dr Chris Ciantar esprima s-sentiment tal-awtoritajiet governattivi billi kiteb: "*Peter, agreement can be reached if you agree to these steps ...*".[100] Huwa ċar li dan il-kliem ma kellux jiġi interpretat li l-awtoritajiet governattivi kienu qegħdin jikkommettu ruħhom mal-atturi, iżda kienu qegħdin biss jesprimu l-fehma tagħhom dwar x'seta' jikkostitwixxi l-bażi tal-ftehim, f'każ li t-TQPG taqbel li timxi mar-*road map* proposta.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax taċċetta t-talba tal-atturi sabiex tqis li l-'arranġament' tal-4 ta' April, 2008 dwar l-*outsourcing* kien ftehim validu u enforzabbli, u dan għaliex mill-provi jirriżulta li t-tħaddim ta' dan l-arranġament kif interpretat mill-atturi, imur kontra d-dispożizzjonijiet espressi tal-artikolu 29 tar-Regolament 1580/2007 tal-Kummissjoni Ewropea. Lanqas ma tista' l-Qorti tqis li l-*emails* tas-16 u s-17 ta' Settembru, 2012,

[100] Enfasi miżjuda mill-Qorti.

jorbtu lill-awtoritajiet governattivi sabiex jonoraw parti minn *'road map'* li kienet għadha qiegħda tiġi diskussa bejn il-partijiet, meta jirriżulta mill-provi li t-TQPG naqas milli jonora l-parti tiegħu ta' dik ir-*'road map'*, partikolarment in-nuqqas ta' ħeġġa li dan wera biex tiġi rreġistrata l-koperattiva li kellha tkun l-entità li bis-saħħa tagħha it-TQPG seta' jingħata l-ħajja mill-ġdid wara li l-mudell li kien ġie strutturat fuqu kien falla u ma kienx vijabbli sa mill-bidu nett li beda jitħaddem.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenzi kollha li kellu jiffaċċja t-TQPG għax ir-*'road map'* li kien qiegħed jiġi diskuss mal-awtoritajiet governattivi ma kienx ġie attwat, m'għandux jiġi attribwit għal xi nuqqas tal-awtoritajiet governattivi. Dan għaliex kif setgħet tapprezza l-Qorti mill-provi li tressqu quddiemha, ma naqsitx ir-rieda tajba da parti tal-awtoritajiet governattivi li taw l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex it-TQPG jirnexxi fl-operat tiegħu, u saħansitra qiegħdu għadd ta' uffiċjali governattivi għad-dispożizzjoni tat-TQPG sabiex dan ikollu l-għarfien meħtieġ ħalli jkun jista' jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi. Minkejja dawn l-isforzi kollha, l-operat tat-TQPG xorta waħda baqa' mhux in regola u dan għaliex il-mod kif kien strutturat sa mit-twaqqif tiegħu ma kienx wieħed vijabbli. Minn dan isegwi li l-konvenuti m'għandhom bl-ebda mod jinżammu responsabbli għad-danni li l-atturi jallegaw li sofrew.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' r-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni preliminari, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien eċċezzjoni preliminari peress li mhuma qegħdin jiġu likwidati l-ebda danni favur l-atturi;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti li ma ġewx deċiżi bis-sentenza *in parte* tat-8 ta' Frar, 2016;**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**Bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

Moqrija.